MALTIN
B'SAĦĦITNA 'L QUDDIEM

# Diskors tal-Budget 2021

**EDWARD SCICLUNA**
MINISTRU GĦALL-FINANZI
U S-SERVIZZI FINANZJARJI

Ministeru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji

# Diskors tal-Baġit

# 2021

L-Onor. Prof. Edward Scicluna
Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji
Malta
19 ta' Ottubru, 2020

Ippublikat mill-
Ministeru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji,
Triq Nofsinhar,
Il-Belt Valletta
VLT 1102

Tel.: (+356) 25 99 82 59
Website: http://www.mfin.gov.mt

**Dejta tal-katalogar tal-pubblikazzjoni**

**Malta.** *Ministeru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji*
Diskors tal-Baġit, 2021 / Edward Scicluna.
Valletta : Ministeru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, 2020

ISBN: 978-99957-58-51-6

1. Baġit – Malta
I. Titlu II. Edward Scicluna

Din il-Publikazzjoni tista' tinxtara mid-

Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja
Il-Belt Valletta
VLT 2000

Tel.: (+356) 22 00 17 00

Mitbugħ fl-Stamperija tal-Gvern tal-Gvern fuq karta FSC®

Prezz: €2.00

# Werrej

paġna

1. INTRODUZZJONI ........................................................ 1
   1.1 Il-Qagħda ekonomika u finanzjarja ........................................ 4
   1.2 Tbassir tal-andament tal-ekonomija u l-finanzi pubbliċi ........................ 6

2. INKOMPLU NTEJBU L-KWALITÀ TAL-ĦAJJA ........................................ 12
   2.1 Kumpens għall-għoli tal-ħajja ........................................ 13
   2.2 Leave tal-ħaddiema dwar il-festi pubbliċi ........................................ 13
   2.3 Żieda fit-Tax Refund ........................................ 14
   2.4 Nistimulaw attività ekonomika għal kulħadd ........................................ 14
   2.5 Aktar titjib fiċ-children's allowance ........................................ 15
   2.6 Titjib fl-In-Work Benefits ........................................ 16
   2.7 Żieda fl-Allowance għal Kura ta' Tfal taħt Ordni ta' Ħarsien ........................................ 16
   2.8 Għotja għal koppji li jaddottaw lokalment ........................................ 17
   2.9 Żidiet fil-pensjonijiet ........................................ 17
   2.10 Aġġustament għal ħelsien mit-taxxa fuq pensjonijiet ........................................ 18
   2.11 Ħlasijiet ogħla għall-benefiċjarji tal-Għajnuna Supplimentari ........................................ 18
   2.12 Żieda oħra għall-anzjani li ma jikkwalifikaw għall ebda pensjoni ........................................ 19
   2.13 Ġustizzja ma' persuni li ħallsu bolol qabel l-età ta' 19-il sena ........................................ 20
   2.14 Rikonoxximent ta' armel jew armla għal dawk f'unjoni ċivili jew f'koabitazzjoni ........................................ 20
   2.15 Pensjonanti tas-Servizz ........................................ 20
   2.16 Inżidu r-rata tal-Carer at Home ........................................ 21
   2.17 Inwessgħu l-kriterji ta' eliġibbilità għal benefiċċji tal-carer ........................................ 21
   2.18 Assistenza għal Diżabbiltà Severa ........................................ 22
   2.19 Introduzzjoni ta' Għotja għal Carer ........................................ 22
   2.20 Inkomplu nindirizzaw inġustizzji tal-imgħoddi ........................................ 22

2.21 Eksħaddiema tat-Tarzna li sofrew il-kundizzjoni ta' Asbestosis.....23
2.22 Tal-Linja Card b'xejn ghall-Anzjani 70+.....24
2.23 Government Savings Bonds għall-pensjonanti.....24
2.24 Titjib fl-Inċentivi fiskali għal pensjonijiet privati.....24
2.25 Estensjoni ta' skemi eżistenti fuq xiri u bejgħ ta' propjetà.....25
2.26 Traħħis fit-taxxa fuq propjetà li tingħata b'donazzjoni.....26
2.27 Għajnuna biex issir sid ta' darek u benefiċċji tal-kera.....26
2.28 Taxxa fuq Ċessjonijiet.....27
2.29 Konċessjoni għat-trasferiment ta' negozju.....27
2.30 Withholding tax fuq introjtu minn drittijiet (Royalties ta' bejgħ ta' kotba.....28

3. NINĊENTIVAW IT-TKABBIR EKONOMIKU.....32
3.1 Pjan għal irkupru u trasformazzjoni tal-ekonomija.....32
3.2 Inkomplu nissalvagwardjaw l-impjiegi.....33
3.3 Fondi Ewropej għal Malta u Għawdex li jlaħħqu it-2.25 biljun ewro.....34
3.4 Ekonomija Innovattiva.....36
3.5 Nattiraw Start-Ups lejn Malta.....37
3.6 Żieda fit-threshold tal-VAT exempt.....37
3.7 Bejgħ online għan-Negozji.....37
3.8 Ngħinu t-tisħieħ, it-tiġdied u l-innovazzjoni fl-industrija.....38
3.9 Skemi għall-Investiment Barrani Ġdid u Skemi Oħra.....38
3.10 Protezzjoni tal-Konsumatur.....39
3.11 Il-qasam tal-Avjazzjoni u l-Marittimu.....39
3.12 Air Malta.....40
3.13 Nerġgħu nibnu l-qasam tat-Turiżmu.....40
3.14 Ngħinu l-Industrija tat-Turiżmu timxi lejn 'Net Zero Carbon Neutral'.....41
3.15 Investiment Diġitali fil-qasam tat-Turiżmu.....42
3.16 Avvenimenti, Marketing u Sigurtà.....42
3.17 Miżuri li jindirizzaw ir-realtajiet ta' Għawdex.....43
3.18 Inċentivi għall-ħolqien ta' impjiegi f'Għawdex.....43

3.19 Xogħol infrastrutturali f'Għawdex....44
3.20 Il-Konnettività bejn iż-żewg gżejjer....46
3.21 Il-Biedja u Sajd....46
3.22 L-immaniġġjar u l-konservazzjoni tal-Ilma....48
3.23 Sistema ta' Trasport għall-Massa....49

4. LEJN EKONOMIJA ĦADRA....51
4.1 It-Tibdil fil-Klima....52
4.2 Inċentivi għal finanzjament fl-Ekonomija l-Ħadra....52
4.3 L-Immaniġġjar tal-Iskart....53
4.4 Il-miżura tas-Single-Use Plastics....54
4.5 Kwalità tal-Arja u Bijodiversità....54
4.6 Sistema Ewropea ġdida fuq emissjonijiet ta' gassijiet tossiċi minn vetturi....55
4.7 Inċentivi għall-użu ta' enerġija rinnovabbli....56
4.8 Għotja finanzjarja fuq skrappjar ta' vetturi li jħammġu....58
4.9 Investimenti f'mezzi ta' Trasport alternattiv....58
4.10 Skemi Oħrajn....59
4.11 Vetturi u Muturi użati biss fi tmiem il-ġimgħa u Festi Pubbliċi/Nazzjonali....60
4.12 Għotja biex taxis ġodda jkunu aċċessibbli għas-siġġu tar-roti....60

5. INSAĦĦU L-INFRASTRUTTURA....61
5.1 Tkomplija tal-proġetti ta' bini ta' toroq arterjali, residenzjali u rurali....61
5.2 Riġenerazzjoni tal-portijiet u titjib ta' faċilitajiet għall-qasam Marittimu....62
5.3 Ninvestu fl-infrastruttura industrijali ta' għada....62
5.4 Immodernizzar tal-Faċilitajiet tas-Saħħa....63
5.5 Nissokktaw bl-investiment infrastrutturali f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni terzjarja u fl-iskejjel....64
5.6 Aktar investiment f'faċilitajiet sportivi....65
5.7 Bini ta' Housing Soċjali....65

5.8 Insaħħu l-industrija tal-kostruzzjoni......66
5.9 Riġenerazzjoni ta' propjetà......67
5.10 Restawr u riġenerazzjoni ta' żoni u siti......67

6. GĦAL-LIVELLI OGĦLA FIS-SAĦĦA U L-EDUKAZZJONI......69
6.1 Il-COVID......69
6.2 Mediċini u Servizzi Ġodda......70
6.3 Il-Kura tal-Anzjani......72
6.4 Edukazzjoni Ħolistika......73
6.5 Politika Nazzjonali dwar iż-Żgħażagħ......74
6.6 Il-Qasam tal-Volontarjat......75
6.7 Awtoritajiet li jirregolaw l-Isport......75
6.8 Wirt Nazzjonali u Kultura......76
6.9 Il-Kunsilli Lokali......77

7. GOVERNANZA U SIGURTA'......79
7.1 Aktar riformi għat-tisħiħ tal-Governanza......79
7.2 Il-Forzi Dixxiplinati......82
7.3 Tisħiħ tal-Protezzjoni Ċivili......84
7.4 Immigrazzjoni......85
7.5 Ugwaljanza u Riformi......86
7.6 Ċittadinanza......86
7.7 Kollaborazzjoni 'l barra minn Xtutna......88
7.8 Il-Kandidatura ta' Malta għall-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti......89

8. KONKLUŻJONI......90

# 1. INTRODUZZJONI

Sur President,

Illum qed inressaq f'isem il-Gvern id-disa' baġit tiegħi. Tul dawn is-snin, b'għaqal kbir, Gvern Laburista rnexxielu jdawwar ir-rota. Irnexxielu jara l-ekonomija tirrendi b'riżultati li pajjiżna kien qatt ma esperjenza. Irnexxielu jniżżel id-djun li għamel ħaddieħor fil-passat. Fuq kollox irnexxielu jipprattika dak li jgħid il-qawl Malti "Erfa' u sorr għal meta tiġi bżonn".

U dak il-bżonn ġie llum.

Għal min kien jistaqsi b'sarkażmu fejn hu s-surplus, f'dawn l-aħħar xhur inħoss li wrejna bil-provi fejn hu s-surplus. Dan il-Gvern nieda pakkett finanzjarju, wieħed wara l-ieħor, li fihom ta spinta bla preċedent lill-ekonomija tagħna, lill-familji tagħna u lin-negozji tagħna.

Sur President, wieħed jista' jgħid li t-tixbihat jistgħu jkunu odjużi. Imma f'dan il-mument il-poplu għandu jieqaf u jxebbah dak li ngħata fil-kriżi tal-2009 u l-kriżi ferm akbar tal-lum. Dakinhar il-Gvern għolla l-kontijiet, aħna issa ilna xhur inħallsu tmien mitt ewro (€800) fix-xahar wage supplement lil kważi nofs l-impjegati kollha tas-settur privat.

Sur President, mentri ħaddieħor fil-kriżi tal-2009 kien mar lura mill-wegħda elettorali li jnaqqas it-taxxa tad-dħul, dan il-Gvern mhux talli ħareġ iċ-ċekkijiet tat-tax refunds, imma talli magħhom żied mijiet ta' ewro f'vouchers u bagħat ukoll suppliment lill-familji fuq In-Work Benefit.

U jekk hawn min ħaseb li wara l-erba' pakketti li ġa nidejna, f'dan il-baġit kienet se tibda l-awsterità, nista' nassigurah li dak li wettaqna sa issa kien biss il-bidu ta' politika ekonomika li se tara lil pajjiżna jerġa' jkun il-pajjiż bl-akbar tkabbir ekonomiku fl-Unjoni Ewropea.

Dan il-Gvern qed juri li mhuwiex baħri tal-bnazzi. Iktar minn hekk, il-maltemp ħsibna għalih. Imxejna b'għaqal u reqqa. Kien hemm ħafna bravi li kienu jsaqsu għalfejn konna nagħfsu daqshekk fuq it-tkabbir ekonomiku. Illum tafu sewwa għalfejn. Fis-snin li għaddew kreajna s-sors tar-resiljenza li frott tagħha pajjiżna llum huwa l-pajjiż bl-anqas rata ta' qgħad fiż-Żona Ewro. Li kieku ma bnejniex il-potenzjal tal-ekonomija tagħna; li kieku ma ddiversifikajniex l-attività ekonomika; li kieku minflok faddalna fl-NDSF u waqqafna l-Bank Malti ta' Żvilupp, minflok komplejna bil-vizzju tad-dejn bħal ta' qabilna; kieku minflok erba' pakketti ta' għajnuna, konna nagħmlu bħal ta' qabilna: inqassmu erba' bozoz ta' energy saving.

Bħala pajjiż din il-kriżi laqtitna fi żmien meta l-Gvern naqqas il-piż tad-dejn nazzjonali bin-nofs kumparat mal-2013; fi żmien meta n-negozji u l-familji għandhom id-doppju tad-depożiti mal-banek li kellhom fl-2013; fi żmien meta pajjiżna kien qed jirreġistra l-anqas ammont ta' nies fuq l-assistenza soċjali, l-anqas ammont ta' nies jirreġistraw u l-anqas rata ta' nies f'riskju tal-faqar fl-istorja.

Sur President, kemm jien kburi li bħala Ministru għall-Finanzi ħdimt ma' sħabi fl-aħħar snin biex ġejna f'din is-sitwazzjoni. Sitwazzjoni li fissret li l-Gvern seta' jwieżen lin-negozji b'għajnuna

bla preċedent. Sitwazzjoni li fissret li n-negozji ma ħassewx il-bżonn li jkeċċu l-ħaddiema. Sitwazzjoni li fissret li l-familji tagħna baqgħu kunfidenti. Sitwazzjoni fejn is-Saħħa għandha allokazzjoni li wasslet li rduppjat fi ftit snin.

Fl-aħħar snin ma kienx faċli li nwettqu l-bidliet radikali fit-tmexxija ekonomika u fiskali ta' pajjiżna. Kien ikun ferm aktar faċli biex inneħħu saqajna minn fuq l-aċċeleratur. Kien ikun ferm aktar faċli biex bħal dawk ta' qabilna nħallu kollox għaddej. Kien ikun ferm aktar faċli li fil-maltemp induru għall-awsterità.

Minflok bqajna ffukati. Bqajna naħdmu pass pass fuq il-pjan għattul li konna fassalna meta konna fl-Oppożizzjoni. Bqajna nirsistu sena wara sena, baġit wara baġit, ħalli nkunu nistgħu nkunu aktar ġenerużi mal-familji u negozji tagħna. Ħalli nagħtu ċ-childcare b'xejn. Ħalli ndaħħlu l-in-work benefit. Ħalli ndaħħlu t-tapering tal-benefiċċji. Ħalli ngħollu l-pensjonijiet. Ħalli nbaxxu t-taxxi.

Lill-eluf ta' ħaddiema u sidien ta' negozji li qed jisimgħuni llum nirringrazzjahom tal-isforzi tagħhom fl-aħħar xhur. Intom ir-raġuni li tagħmilna kburin li aħna Maltin. Flimkien ilqajna l-akbar sfida ekonomika li qatt affaċċja pajjiżna. Urejna li l-mudell soċjali Malti jaħdem. Li fl-eqqel ta' pandemija għall-ewwel darba fl-istorja sirna l-pajjiż fiż-Żona Ewro bl-anqas rata ta' qgħad. Li fl-eqqel ta' pandemija konna l-uniku pajjiż fejn l-impjiegi żdiedu. Li fl-eqqel ta' pandemija minflok żieda fil-persuni dipendenti fuq l-assistenza soċjali kellna l-akbar żieda fid-depożiti mal-banek fl-istorja.

Għalhekk jixraq li nkomplu fid-direzzjoni tal-erba' pakketti li ġa nidejna. Għalhekk jixraq li nkomplu nwettqu l-Manifest Elettorali.

### 1.1. Il-Qagħda ekonomika u finanzjarja

Sur President, hekk kif wieħed seta' jobsor, l-għeluq tal-ajruport, ir-ristoranti u dawk il-ħwienet u s-servizzi mhux neċessarji rriżulta fit-tnaqqis fil-produzzjoni tal-pajjiż. Minkejja dan, il-waqgħa fil-Prodott Domestiku Gross (PDG) fl-ewwel nofs tas-sena kienet inqas minn dik taż-Żona Ewro. Filwaqt li f'Malta dan waqa' b'7.7 fil-mija, fiż-Żona Ewro dan it-tnaqqis kien ta' 9.0 fil-mija.

It-tnaqqis fil-PDG irrifletta ruħu fi tnaqqis fil-konsum, l-investiment u l-esportazzjoni netta meta mqabbel mal-ewwel nofs tas-sena l-oħra. Min-naħa l-oħra l-konsum pubbliku żdied. Dan l-aktar minħabba ż-żieda fl-infiq fis-settur tas-saħħa minħabba l-pandemija.

Permezz ta' diversi skemi u miżuri li ħabbarna, id-dħul tal-ħaddiema kien protett mid-daqqa ekonomika tal-COVID-19 hekk kif fl-ewwel nofs ta' din is-sena, il-pagi u s-salarji żdiedu b'5.8 fil-mija, li ssarrfu f'żieda ta' madwar mija u erbgħa u sittin miljun ewro (€164m). Miżuri bħal COVID-19 Wage Supplement, id-differiment tal-ħlas tat-taxxi, ir-rifużjoni tal-kontijiet tal-elettriku u l-grant għal spejjeż tal-kera, fost oħrajn, kienu strumentali sabiex jissalvagwardjaw l-impjiegi u jipproteġu d-dħul minnhom.

Il-qgħad f'pajjiżna rreġistra rati ta' qgħad fost l-aktar baxxi taż-Żona Ewro f'Awissu. Ir-rata ta' qgħad f'Malta kienet ta' 4.1 fil-mija filwaqt li l-medja fiż-Żona Ewro kienet ta' 8.1 fil-mija. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ ukoll naqas fl-istess perjodu, minn 10.9 fil-mija

f'Mejju għal 9.5 fil-mija f'Awissu. Dan filwaqt li fiż-Żona Ewro, ir-rata f'Awissu kienet ta' 18.1 fil-mija.

Dan il-Gvern sa mill-bidu ħadem sabiex jiddiversifika l-ekonomija Maltija ħalli b'hekk Malta ma tkunx dipendenti fuq xi settur wieħed għat-tkabbir ekonomiku. Dan kollu għen sabiex id-daqqa fil-Valur Miżjud Gross ma tkunx kbira daqs kemm kienet tkun li kieku pajjiżna ma kienx iddiversifikat. Infatti, il-Valur Miżjud Gross naqas b'inqas mill-medja tat-tnaqqis fil-Valur Miżjud Gross fl-Unjoni Ewropea u fiż-Żona Ewro.

Dan kollu rrifletta l-fatt li għalkemm setturi relatati mat-turiżmu bħar-retail, il-catering, l-akkomodazzjoni u t-trasport irreġistraw tnaqqis sostanzjali, setturi bħal dawk tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, l-arti, id-divertiment u r-rikreazzjoni li jinkludi fih il-gaming u r-real estate rreġistraw żidiet fil-Valur Miżjud Gross.

L-inflazzjoni mkejla mill-HICP niżlet għal 0.5 fil-mija f'Settembru ta' din is-sena hekk kif pajjiżna beda kull xahar jara livelli aktar baxxi filwaqt li l-inflazzjoni mkejla mill-RPI, niżlet għal 0.18 fil-mija.

Sur President, is-sena l-oħra dan il-Gvern irnexxielu jirreġistra surplus għar-raba' sena konsekuttiva li flimkien għenu biex jagħmlu lil pajjiżna ppreparat. Ilum mhux żmien tas-surplus iżda li nkompli nsostnu lill-familji u n-negozji tagħna. Din is-sena hemm bżonn li nonfqu aktar milli qed indaħħlu. Dan nistgħu nagħmluh għaliex nifilħu għalih. Dan qegħdin nagħmluh sabiex nissalvagwardja l-familji, l-impjiegi u n-negozji.

Riżultat t'hekk, pajjiżna din is-sena mistenni jirreġistra defiċit ta' 9.4 fil-mija tal-PDG. Id-dejn li fl-ewwel kwart ta' din is-sena kien ta' 44.4 fil-mija tal-PDG, mistenni jitla' għal 55 fil-mija.

## 1.2. Tbassir tal-andament tal-ekonomija u l-finanzi pubbliċi

Sur President,

L-ekonomiji tal-Unjoni Ewropea u ż-Żona Ewro mistennija jonqsu b'8.3 fil-mija u 8.7 fil-mija, rispettivament din is-sena. Is-sena d-dieħla, l-ekonomija tal-UE mistennija tikber b'medja ta' 5.8 fil-mija filwaqt li ż-Żona Ewro mistennija tikber b'6.1 fil-mija.

F'pajjiżna qed nipprevedu tnaqqis reali ta' 7.4 fil-mija fil-PDG din is-sena. Madankollu dan it-tnaqqis mistenni jibda jiġi rkuprat mis-sena d-dieħla hekk kif l-ekonomija Maltija mistennija tirreġistra tkabbir ta' 5.0 fil-mija f'termini reali u 6.4 fil-mija f'termini nominali.

Dan it-tkabbir mistenni jkun iġġenerat minn tkabbir fl-investiment ta' 7.5 fil-mija u t-tkabbir fil-konsum privat li mistenni jkun ta' 3.7 fil-mija. L-esportazzjoni wkoll mistennija tikkontribwixxi għat-tkabbir b'żieda ta' 5.5 fil-mija filwaqt li l-importazzjoni mistennija tikber b'rata anqas ta' 4.5 fil-mija. Min-naħa l-oħra, il-konsum pubbliku mistenni jonqos b'1.2 fil-mija, meta kkalkulat fuq din is-sena.

B'dan it-tkabbir previst, ifisser li s-sena d-dieħla qed nistennew li jkollna żieda ta' 2.3 fil-mija fl-impjiegi filwaqt li l-livell tal-qgħad mistenni jibqa' relattivament baxx b'rata ta' 4.0 fil-mija. L-inflazzjoni mistennija li tkun ta' 1.3 fil-mija.

F’dawk li huma finanzi pubbliċi għall-2021, qed inbassru li d-defiċit jinżel għal 5.9 fil-mija tal-PDG filwaqt li d-dejn jitla’ għal 58.6 tal-PDG.

Tabella 1.4 tagħti r-riżultati ta’ analiżi tar-riskji marbuta ma’ dan it-tbassir ekonomiku u finanzjarju.

# Tabella 1.1

**IL-QAGĦDA FISKALI 2019 - 2023**

| | 2019 Attwali € '000 | | 2020 Rivedut € '000 | | 2021 Estimi € '000 | | 2022 Estimi € '000 | | 2023 Estimi € '000 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fond Konsolidat** | | | | | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 4,485,839 | | 4,088,408 | | 4,599,000 | | 4,883,000 | | 5,160,100 | |
| Dħul Ieħor | 487,044 | | 592,780 | | 599,002 | | 564,953 | | 577,406 | |
| Dħul Totali | | 4,972,883 | | 4,681,188 | | 5,198,002 | | 5,447,953 | | 5,737,506 |
| Nefqa Rikurrenti | | 4,216,200 | | 4,727,063 | | 4,966,499 | | 4,982,839 | | 5,173,699 |
| Nefqa Kapitali | | 555,043 | | 993,476 | | 792,817 | | 827,797 | | 888,979 |
| Bilanċ / (Żbilanċ) qabel l-Imgħax | 201,640 | | (1,039,351) | | (561,314) | | (362,683) | | (325,172) | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 192,283 | | 181,474 | | 189,825 | | 197,808 | | 204,708 |
| Bilanċ / (Żbilanċ) Rikurrenti | 564,400 | | (227,349) | | 41,678 | | 267,306 | | 359,099 | |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **9,357** | | **(1,220,825)** | | **(751,139)** | | **(560,491)** | | **(529,880)** |
| *Finanzjament* | | | | | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(437,227)* | | *(461,583)* | | *(462,502)* | | *(469,735)* | | *(446,370)* | |
| *Ħlas Lura Kmieni ta' MGRSB* | *(2,452)* | | *(3,500)* | | *(4,500)* | | *(5,250)* | | *(3,850)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | *(50)* | | *(50)* | | *(50)* | | *(50)* | | *(50)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds Speċjali MGS* | *(50,000)* | | *(50,000)* | | *(30,000)* | | *(30,000)* | | *(30,000)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(18,795)* | | *(37,080)* | | *(10,538)* | | *(10,538)* | | *(10,538)* | |
| *EFSF / ESM Credit Line Facility* | *0* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti mill-Gvern* | *2* | | *914* | | *2,226* | | *2,784* | | *2,784* | |
| *Bejgħ ta' Ishma / Assi* | *978* | | *889* | | *889* | | *889* | | *889* | |
| | | *(507,544)* | | *(554,910)* | | *(508,975)* | | *(516,400)* | | *(491,635)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(498,187)* | | *(1,775,735)* | | *(1,260,114)* | | *(1,076,891)* | | *(1,021,515)* |
| *Self Barrani* | | - | | *120,000* | | *123,632* | | - | | - |
| *Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *(308,760)* | | *(357,234)* | | *(532,969)* | | *(693,083)* | | *(769,974)* | |
| *Self Lokali* | *449,713* | | *1,480,000* | | *976,368* | | *1,000,000* | | *1,000,000* | |
| | | *140,953* | | *1,122,766* | | *443,399* | | *306,917* | | *230,026* |
| *Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(357,234)* | | *(532,969)* | | *(693,083)* | | *(769,974)* | | *(791,489)* |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **9,357** | | **(1,220,825)** | | **(751,139)** | | **(560,491)** | | **(529,880)** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **57,767** | | **40,825** | | **(36,861)** | | **(36,509)** | | **(37,120)** |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | | **67,124** | | **(1,180,000)** | | **(788,000)** | | **(597,000)** | | **(567,000)** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **13,390,045** | | **12,543,906** | | **13,351,391** | | **14,299,302** | | **15,139,648** | |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **0.5%** | | **-9.4%** | | **-5.9%** | | **-4.2%** | | **-3.7%** | |

## Tabella 1.2

**IL-BILANĊ TAD-DEJN TAL-GVERN**

| | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 (*€ '000*) |
|---|---|---|---|---|---|
| *Stocks* tal-Gvern | 4,615,450 | 5,433,826 | 5,959,942 | 6,600,297 | 7,250,805 |
| *Retail Savings Bonds* tal-Gvern ta' Malta | 289,849 | 381,140 | 376,640 | 277,719 | 185,932 |
| *Bills* tat-Teżor | 300,000 | 418,500 | 636,000 | 712,000 | 733,000 |
| Self minn Barra | 967 | 120,839 | 244,346 | 244,221 | 244,094 |
| *EBU's* / Kunsilli Lokali | 162,659 | 162,692 | 162,692 | 162,692 | 162,692 |
| Munita | 90,996 | 97,512 | 104,486 | 112,158 | 120,597 |
| *ESA Rerouted Debt* | 249,060 | 281,240 | 341,354 | 402,072 | 454,243 |
| **Dejn tal-Gvern Estiż** | **5,708,981** | **6,895,749** | **7,825,460** | **8,511,159** | **9,151,363** |
| Prodott Domestiku Gross | 13,390,045 | 12,543,906 | 13,351,391 | 14,299,302 | 15,139,648 |
| **Dejn bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **42.64%** | **54.97%** | **58.61%** | **59.52%** | **60.45%** |

# Tabella 1.3

**Tabella 1.3**

**IL-QAGĦDA FISKALI 2019 - 2020**

| | **2019** | | **2020** | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Attwali** | | **Approvat** | | **Rivedut** | |
| | **€ '000** | | **€ '000** | | **€ '000** | |
| **Fond Konsolidat** | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 4,485,839 | | 4,954,393 | | 4,088,408 | |
| Dħul Ieħor | 487,044 | | 497,354 | | 592,780 | |
| Dħul Totali | | 4,972,883 | | 5,451,747 | | 4,681,188 |
| Nefqa Rikurrenti | | 4,216,200 | | 4,419,343 | | 4,727,063 |
| Nefqa Kapitali | | 555,043 | | 734,937 | | 993,476 |
| Bilanc qabel l-Imgħax | 201,640 | | 297,467 | | (1,039,351) | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 192,283 | | 183,472 | | 181,474 |
| Bilanċ / (Żbilanċ) Rikurrenti | 564,400 | | 848,932 | | (227,349) | |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **9,357** | | **113,995** | | **(1,220,825)** |
| *Finanzjament* | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(437,227)* | | *(461,583)* | | *(461,583)* | |
| *Ħlas Lura Kmieni ta' MGRSB* | *(2,452)* | | *(2,750)* | | *(3,500)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | *(50)* | | *(50)* | | *(50)* | |
| *Kontribuzzjonijiet Sinking Fund Specjali MGS* | *(50,000)* | | *(50,000)* | | *(50,000)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(18,795)* | | *(10,100)* | | *(37,080)* | |
| *EFSF / ESM Credit Line Facility* | *0* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti mill-Gvern* | *2* | | *666* | | *914* | |
| *Bejgħ ta' Ishma /Assi* | *978* | | *889* | | *889* | |
| | | *(507,544)* | | *(527,428)* | | *(554,910)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(498,187)* | | *(413,433)* | | *(1,775,735)* |
| *Self Barrani* | | *-* | | *-* | | *120,000* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *(308,760)* | | *(322,622)* | | *(357,234)* | |
| *Self Lokali* | *449,713* | | *450,000* | | *1,480,000* | |
| | | *140,953* | | *127,378* | | *1,122,766* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(357,234)* | | *(286,055)* | | *(532,969)* |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **9,357** | | **113,995** | | **(1,220,825)** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **57,767** | | **79,005** | | **40,825** |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | | **67,124** | | **193,000** | | **(1,180,000)** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **13,390,045** | | **14,102,790** | | **12,543,906** | |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **0.5%** | | **1.4%** | | **-9.4%** | |

**Tabella 1.4: Sensitivity Analysis of the Economic and Fiscal Forecasts**

The sensitivity analysis is in line with the requirements of Council Directive 2011/85/EU on the requirements for budgetary frameworks of the Member States and also in line with the requirements of Article 17(1) of the Fiscal Responsibility Act.

As per Article 16(2)g, the sensitivity analysis of the budgetary targets was carried out based on objective criteria, taking account possible changes in macroeconomic conditions, including growth and interest rates. The sensitivity analysis is guided by the performance of past forecasts and considers relevant risk scenarios.

On balance, the indicator points towards some upside risks for the macroeconomic forecasts for 2020 and a marginal downside risk in 2021. The result is consistent with the analysis of alternative model forecasts. The balance of risks on the fiscal balance is on the upside in both 2020 and 2021.

Compared to the baseline scenario, alternative output gap projections range from -1.6 percentage points to 3.5 percentage points in 2020 and -0.3 percentage points to 0.6 percentage points in 2021.

A full description of the exercise including the assumptions underpinning the forecasts and the seven alternative model-based growth scenarios maybe found in the Draft Budgetary Plan submitted to the Commission and uploaded on the Ministry for Finance and Financial Services website.

# 2. INKOMPLU NTEJBU L-KWALITÀ TAL-ĦAJJA

Sur President,

Permezz ta' dan il-baġit, il-Gvern qed juri li se jibqa'  ffukat fit-twettiq tal-pjan tiegħu li l-ġid li jiġġenera l-pajjiż, jinfirex fuq medda wiesgħa tas-soċjetà.  Bil-baġits li ppreżentajna f'dawn l-aħħar snin, saħħaħna l-benefiċċji soċjali u, bil-fatti, verament għenna lill-pensjonanti; lill-anzjani; lill-persuni b'diżabilità; ħadna ħsieb tal-ħaddiem; tal-familji u ta' wliedhom.

Il-Gvern sejjer ikompli bil-programm tiegħu ta' titjib soċjali, immirat l-aktar għal dawk vulnerabbli u fir-riskju tal-faqar iżda wkoll jara li kull faxxa tas-soċjetà inkluża dik tan-nofs, tgawdi mill-ġid li joħloq u jixpruna f'pajjiżna.

## 2.1 Kumpens għall-għoli tal-ħajja

Iż-żieda għall-għoli tal-ħajja, liema żieda nfakkar hija maħduma skont formula stabbilita bejn l-Imsieħba Soċjali kollha fi ħdan l-MCESD, se tkun ta' ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€ 1.75) liema żieda tirrifletti l-inflazzjoni baxxa li kellna dan l-aħħar tnax-il xahar.

Din iż-żieda se tingħata lill-impjegati kollha, kif ukoll lill-pensjonanti u lil dawk fuq il-benefiċċji soċjali. L-istipendji tal-istudenti se jkunu qed jogħlew pro-rata.

## 2.2 Leave tal-ħaddiema dwar il-festi pubbliċi

Sur President, bħalma għamilna fil-budgets preċedenti, f'dan tal-lum se nkomplu nwettqu l-wegħda elettorali tagħna li nagħtu

lura f'leave il-btajjel pubbliċi li jaqgħu fi tmiem il-ġimgħa, festi pubbliċi li kienu ttieħdu lill-ħaddiema fi żmien amministrazzjoni preċedenti. Għaldaqstant, matul l-2021 il-ġranet tal-leave se jkunu għal darba oħra qed jiżdiedu b'ġurnata oħra. Din hija miżura oħra li se tkompli ttejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-familji kollha.

## 2.3 Żieda fit-Tax Refund

Sur President,

It-tax refund li ngħata f'dawn l-aħħar tliet snin, is-sena d-dieħla se jerġa' jingħata din id-darba wkoll b'rati miżjudin. It-tax refund issa se jkun qed jitla' għal bejn €45 u €95 (ara Tabella 2.1). L-ogħla valuri jingħataw lil min għandu l-aktar dħul baxx.

'Il fuq minn mitejn u tmintax-il elf (218,000) persuna se jibbenefikaw minn din il-miżura li se tiswa lill-Gvern kważi sittax -il miljun ewro (€16m).

## 2.4 Nistimulaw attività ekonomika għal kulħadd

Bla dubju ta' xejn, l-introduzzjoni tal-iskema tal-vouchers, għenet bil-bosta biex terġa' tibda żżid l-attività ekonomika fir-ristoranti; lukandi u ħwienet tal-merċa ġewwa Malta u Għawdex.

Huwa għalhekk li bi pjaċir inħabbar li sejrin nerġgħu nniedu skema oħra għas-sena d-dieħla b'din id-darba bil-mitt ewro vouchers se jkunu qed jinqasmu f'€60 li jistgħu jissarrfu f'akkomodazzjoni, lukandi u ristoranti filwaqt li €40 vouchers jistgħu jissarrfu fil-ħwienet u servizzi. Il-vouchers ser jitqassmu lil kull min ikun għalaq 16-il sena sal-aħħar ta' din is-sena. Dettalji

fuq din l-iskema jingħataw aktar 'il quddiem. Din il-miżura ser tiswa ħamsin miljun ewro (€50m).

## 2.5 Aktar titjib fiċ-children's allowance

Għall-ewwel darba wara ħdax-il sena, is-sena l-oħra żidna r-rati taċ-Children's Allowance għal familji bi dħul baxx jew medju.

Biex inkomplu ma' dan it-titjib mis-sena d-dieħla se ndaħħlu kunċett ġdid mal-ħlas ta' dan il-benefiċċju biex il-familji kollha li jirċievu ċ-Children's Allowance ngħinuhom aktar mal-ispejjeż li ġġib magħha t-trobbija tat-tfal. Dan se jieħu s-sura ta' suppliment addizzjonali li jitħallas għal kull wild fil-familja.

Fejn id-dħul tal-familja ma jaqbiżx il-ħamsa u għoxrin elf, tliet mija u tmintax ewro (€25,318) fis-sena, ir-rata ta' dan is-suppliment se tkun ta' sebgħin ewro (€70) fis-sena għal kull wild. Min-naħa l-oħra għall-kumplament tal-familji fejn id-dħul jaqbeż dan l-ammont, is-suppliment se jkun ta' ħamsin ewro (€50) fis-sena għal kull wild.

B'dan il-mod familja tipika b'żewġt itfal taħt is-16-il sena, jekk id-dħul tal-familja ma jaqbiżx il-ħamsa u għoxrin elf, tliet mija u tmintax ewro (€25,318), se tkun qed tieħu żieda ta' €140 fis-sena waqt li fejn id-dħul jaqbeż dan l-ammont tieħu żieda ta' €100.

Minn din il-miżura, li se tiswa aktar minn €3 miljun ewro, se jgawdu aktar minn 40,000 familja b'60,500 tifel u tifla.

## 2.6 Titjib fl-In-Work Benefits

Fil-Baġit tal-2015, introduċejna l-benefiċċju tal-In-Work sabiex, filwaqt li ntejbu d-dħul baxx, ninċentivaw ix-xogħol fost il-familji. Dan il-benefiċċju kien ta' suċċess hekk kif flimkien mal-miżuri l-oħra tal-Making Work Pay, għen sabiex Malta taqbeż il-medja tal-Unjoni Ewropea fir-rata ta' parteċipazzjoni fid-dinja tax-xogħol fl-2018 waqt li d-dipendenza soċjali naqset bin-nofs. Sena wara sena komplejna ntejbu dan il-benefiċċju, bl-aħħar titjib isir din is-sena stess fil-Pjan ta' Riġenerazzjoni Ekonomika mħabbar f'Ġunju.

F'dan il-baġit se nkomplu nsaħħu dan il-benefiċċju billi se nerġgħu nestendu t-thresholds sabiex iktar familji jkunu eliġibbli għal dan il-benefiċċju.

Għall-koppji fejn it-tnejn jaħdmu, it-threshold se jitla' għal €35,000. Għas-single parents li jaħdmu, it-threshold se jitla' għal €23,000. Għall-koppji fejn ġenitur wieħed biss jaħdem, it-threshold se jitla' għal €26,000.

## 2.7 Żieda fl-Allowance għal Kura ta' Tfal taħt Ordni ta' Ħarsien

Il-Gvern jagħraf l-impenn u d-dedikazzjoni ta' familji li jiffosterjaw tfal li jkunu taħt Ordni ta' Ħarsien u jħossu d-dmir li jagħtu l-għajnuna meħtieġa biex it-tfal ikollhom kura u kwalità ta' ħajja mill-aħjar, daqslikieku kienu tagħhom.

Għalhekk, għal darb'oħra, se nżidu l-Foster Care Allowance biex minn Jannar li ġej dan il-benefiċċju se jiżdied b'ħames mija

u għoxrin ewro (€520) oħra fis-sena għal total ta' ħamest elef, seba' mija u għoxrin ewro (€5,720).

## 2.8 Għotja għal koppji li jaddottaw lokalment

Mis-sena d-dieħla wkoll ser nagħtu l-opportunità lil koppji li jaddottaw tfal lokalment li jibbenefikaw huma wkoll mill-Għotja ta' Adozzjoni li nedejna fl-2018. Dan qed nagħmluh biex intaffu l-ispejjeż relatati mal-proċess tal-adozzjoni. Il-massimu ta' din l-għotja jista' jkun ta' elf ewro (€1,000).

## 2.9 Żidiet fil-pensjonijiet

Sur President,

Dan huwa Gvern li jirrispetta lil pensjonanti bil-fatti. Bi pjaċir inħabbar li għal darb'oħra l-pensjonanti, barra miż-żieda tal-COLA, se terġa' tingħatalhom żieda oħra ta' tliet ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€3.25) fil-ġimgħa li magħduda maż-żieda għall-għoli tal-ħajja titla' għal ħames ewro (€5) fil-ġimgħa. Din tfisser żieda ta' mitejn u sittin ewro (€260) fis-sena lill-pensjonanti kollha tas-sigurtà soċjali, kemm dawk pensjonanti tal-irtirar, tar-romol, tal-invalidità kif ukoll dawk li jirċievu l-pensjoni mhux kontributorja tal-età. B'hekk jibbenefikaw tlieta u disgħin elf (93,000) pensjonant.

Irridu ngħidu li meta neskludu l-COLA, iż-żidiet kollha li ngħataw lill-pensjonanti tul din il-leġislatura issa jammontaw għal €11.25 fil-ġimgħa u b'hekk qabżu sew €8 fil-ġimgħa li kienet imwiegħda fil-Manifest Elettorali.

## 2.10 Aġġustament għal ħelsien mit-taxxa fuq pensjonijiet

Biex iż-żidiet li qed nagħtu fil-pensjonijiet, inkluż iż-żieda tal-COLA, ma jkunux intaxxati għas-sena d-dieħla, mill-ġdid se ngħollu l-massimu ta' dħul minn pensjonijiet, li mhux se jkun intaxxat, għal erbatax-il elf u tmienja u ħamsin ewro (€14,058).

Barra minn hekk, dawk il-koppji b'pensjoni u għandhom komputazzjoni ta' miżżewġin sejrin jiżdidilhom għal tlett elef u sitt mitt ewro (€3,600) id-dħul ieħor li jkun eżentat minn ħlas ta' taxxa. B'hekk dawn il-pensjonanti mis-sena d-dieħla b'kollox se jiffrankaw ħlas ta' taxxa għal massimu ta' seba' mija, erbgħa u erbgħin ewro (€744). (Ara Tabella 2.2)

## 2.11 Ħlasijiet ogħla għall-benefiċjarji tal-Għajnuna Supplimentari

Fl-2017 għamilna riforma importanti fl-Għajnuna Supplimentari li titħallas lill-koppji u persuni li jgħixu waħedhom bi dħul baxx. B'din ir-riforma konna għollejna sew t-thresholds tad-dħul biex koppji u persuni jikkwalifikaw kif ukoll żidna r-rati li jitħallsu lill-koppji.

Fis-sena l-ġdida se nissoktaw bir-riforma li se tkun tolqot madwar disgħa u għorin elf (29,000) persuna.

Is-sena d-dieħla, se naġġornaw il-mekkaniżmu ta' kif jinħadmu r-rati tal-għajnuna supplimentari, liema rati massimi, maħduma skont id-dħul u l-istat konjugali tal-persuna, ser jiżdiedu bejn 70 ewro u 108 ewro.

Barra minn hekk, is-suppliment addizzjonali ta' 150 ewro li bdejna nagħtu din is-sena lil persuni ta' ħamsa u sittin sena jew akbar li jkunu f'riskju ta' faqar, ser jibda jitħallas bla distinzjoni lil kull persuna ta' 65 sena jew akbar li tikkwalifika għall-Għajnuna Supplimentari.

B'kollox din il-miżura ser tiswa madwar żewġ miljun (€2m) ewro fis-sena.

## 2.12 Żieda oħra għall-anzjani li ma jikkwalifikaw għall ebda pensjoni

Persuni fl-età ta' tlieta u sittin sena (65) jew akbar, speċjalment nisa, li fl-imgħoddi qattgħu ħafna snin barra mill-impjieg u li għalkemm ħallsu xi kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali m'għandhomx pensjoni, għat-tielet darba, ser jingħataw żieda oħra ta' ħamsin ewro, fil-bonus annwali tagħhom. B'hekk issa persuni li ħallsu anqas minn ħames snin bolol ser jibdew jieħdu bonus ta' 250 ewro, u dawk li ħallsu aktar minn ħames snin bolol il-bonus tagħhom ser jitla' għal 350 ewro.

Minn din il-miżura jibbenefikaw madwar ħdax-il elf (11,000) persuna l-iktar nisa li għal xi raġuni jew oħra rtiraw mis-suq tax-xogħol.

Infakkar li l-anzjani li jgħixu fi djarhom jew fi djar residenzjali privati se jkomplu jingħataw l-għotja ta' €300 jekk għandhom 75 sena jew aktar u €350 jekk għandhom 80 sena jew aktar.

## 2.13 Ġustizzja ma' persuni li ħallsu bolol qabel l-età ta' 19-il sena

Mis-sena d-dieħla, persuna li tkun twieldet qabel l-1962 u ma tikkwalifikax għall-pensjoni bil-kontribuzzjonijiet li jkollha wara l-età ta' 19-il sena, se jibdew jgħoddulha dawk il-bolol li tkun ħallset qabel għalqet l-età ta' 19-il sena u jekk tilħaq il-minimu meħtieġ, tibda tikkwalifika għall-pensjoni minima mnaqqsa.

## 2.14 Rikonoxximent ta' armel jew armla għal dawk f'unjoni ċivili jew f'koabitazzjoni

Fid-dawl tal-provvidimenti tal-liġijiet dwar l-Unjoni Ċivili u dwar il-Koabitazzjoni, sejrin naġġornaw it-tifsira ta' armla attwali fil-liġi dwar is-Sigurtà Soċjali. Permezz ta' din l-emenda, f'każ ta' mewt ta' wieħed jew waħda mill-partijiet, persuni li kienu f'unjoni ċivili jew reġistrati f'koabitazzjoni jiġu rikonoxxuti wkoll bħala romol tal-koabitant jew is-sieħeb tagħhom.

L-emenda se taħseb ukoll għal dawk iċ-ċirkostanzi fejn minħabba l-mewt ta' waħda mill-partijiet fejn ma kienx hemm żwieġ jew unjoni ċivili, il-koabitazzjoni ma laħqitx ġiet ikkuntrattata u reġistrata fil-ħin kemm taħt l-ewwel Att u kemm taħt it-Tieni.

## 2.15 Pensjonanti tas-Servizz

Għal darb'oħra ser jiżdied b'€200 l-ammont ta' pensjoni tas-servizz li mhux se jiġi kkunsidrat għall-assessjar tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali, biex b'hekk is-somma eżentata fl-2021 ser titla' għal elfejn, tmien mija u sitta u sittin ewro (€2,866).

Għal dawk il-pensjonanti tas-servizz li matul is-sena jagħlqu 72 sena jibdew igawdu wkoll minn titjib fil-pensjoni tas-sigurtà soċjali tagħhom. Dan billi meta tiġi kkomputata l-pensjoni tagħhom, ħamsa u għoxrin fil-mija biss tal-ammont tal-pensjoni tas-servizz tkun qed tiġi kkunsidrata għal komputazzjoni.

## 2.16 Inżidu r-rata tal-Carer at Home

L-iskema tal-Carer at Home li bdejna fl-2015 kienet waħda ta' suċċess. Sena wara sena kiber in-numru ta' anzjani li għażlu li jibqgħu jgħixu fi djarhom u jimpjegaw persuna full time jew part time biex tieħu ħsiebhom.

B'inkurraġiment u biex ngħinu dawn l-anzjani jlaħħqu aktar mal-ispejjeż se nżidu r-rata massima ta' sussidju annwali li jingħataw bi ftit aktar minn €700 biex minn ħamest elef, mitejn u wieħed u disgħin ewro (€5,291) se titla' għal €6,000.

## 2.17 Inwessgħu l-kriterji ta' eliġibbilità għal benefiċċji tal-carer

Minn meta daħħalna benefiċċju għal carers, l-għadd ta' persuni li jieħdu ħsieb qrabathom fl-istess residenza tela' għal madwar elf u ħames mitt (1,500) persuna.

S'issa persuni rtirati ġew esklużi milli jikkwalifikaw għal dawn il-benefiċċji, magħrufa bħala l-Allowance Miżjuda għal Carer u l-Allowance għal Carer. Mis-sena d-dieħla, se nwessgħu l-kriterji ta' eliġibbilità biex nagħtu l-opportunità lil dawn il-persuni li jikkwalifikaw għal dan il-benefiċċju, sakemm ma jkunux qed jieħdu ħsieb il-konjugi tagħhom u sakemm perjodikament

joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li jkunu jifilħu fiżikament u mentalment li jagħtu din il-kura.

## 2.18 Assistenza għal Diżabbiltà Severa

L-impenn favur il-persuni b'diżabbiltà jibqa' fil-qofol tal-politika soċjali ta' dan il-Gvern. Wettaqna miżuri li għamlu differenza fil-ħajja ta' dawn il-persuni, b'mod partikolari bir-riforma fl-assistenza li nagħtu persuni li d-diżabbiltà tagħhom timpedihom milli jsibu impjieg. Is-sena d-dieħla sejrin ngħollu l-parametri tal-Barthel Index minn tmienja għal disa' u nwessgħu bi ftit il-parametri għal kundizzjonijiet ta' diżabbiltà intellettwali, sabiex aktar persuni li għandhom xi forma ta' diżabbiltà u ma jistgħux jaħdmu, isiru eliġibbli għall-assistenza miżjuda wkoll.

## 2.19 Introduzzjoni ta' Għotja għal Carer

Bi tkomplija ma' din ir-riforma fil-benefiċċji tal-carers, kif imwiegħed fil-programm elettorali, minn Jannar se nintroduċu benefiċċju ġdid għall-ġenituri li jkollhom jieqfu mix-xogħol biex jikkuraw wild b'diżabbiltà fl-età ta' aktar minn 16-il sena u li jkunu intitolati għall-Assistenza Miżjuda għal Diżabbiltà Severa. Il-benefiċċju, bl-isem ta' Għotja għal Carer, ser jkun ta' €300 fis-sena.

## 2.20 Inkomplu nindirizzaw inġustizzji tal-imgħoddi

Sur President, dan il-Gvern żamm kelmtu ma' madwar 8,000 benefiċjarju jew il-werrieta tagħhom, billi qed jissokta jindirizza l-inġustizzji li sofrew fl-imgħoddi fl-impjieg tagħhom.

Din is-sena li qegħdin fiha, għall-uffiċjali tal-pulizija, qiegħda tkun l-aħħar sena li ħadu kumpens skont il-ftehim milħuq mar-rappreżentanti tagħhom.

Għall-katogeriji tal-eksimpjegati l-oħra, matul l-2021 ser nibqgħu għaddejjin bl-iskemi mfassla għalihom. Għal dan il-għan ser nallokaw aktar minn 9 miljun ewro oħra biex jingħataw għotjiet lill-eksmembri tal-korpi li daħlu fis-servizz pubbliku jew fis-settur pubbliku u għall-eksħaddiema tax-xatt u l-werrieta tagħhom. L-iskema tas-settur pubbliku tapplika wkoll għall-eksħaddiema tal-Gas Board li ngħaqdu mal-Korporazzjoni Enemalta meta twaqqfet fl-1977 u grupp żgħir ta' ħaddiema li kienu daħlu bħala apprentisti mal-Malta Electricity Board u wara ġew trasferiti mal-Enemalta.

B'kollox is-sena d-dieħla se jibbenefikaw madwar ħames t'elef u ħames mitt (5,500) persuna.

## 2.21 Eksħaddiema tat-Tarzna li sofrew il-kundizzjoni ta' Asbestosis

Għal dawn l-aħħar xhur, il-Ministeru tiegħi kien qed jitkellem ma' numru ta' eksimpjegati tat-Tarzna li minħabba x-xogħol li kienu assenjati jagħmlu fuq il-post tax-xogħol, sofrew mill-kundizzjoni tal-Asbestosis. Bħala employer ta' dawn l-eksħaddiema, il-Gvern qed jistenna li meta jkollu l-fatti kollha f'idejh, jasal għal kumpens li għandu jagħti lil dawn il-persuni jew il-werrieta tal-eksimpjegati.

## 2.22 Tal-Linja Card b'xejn għall-Anzjani 70+

Sur President, wara li din is-sena konna żidna n-numru ta' persuni li jużaw b'xejn it-Trasport Pubbliku, is-sena d-dieħla sejrin inkomplu nestendu tal-Linja Card b'xejn għall-anzjani. Fil-preżent, anzjan ried ikollu 'il fuq minn ħamsa u sebgħin sena (75) biex jibbenefika minn trasport pubbliku b'xejn. Issa din se tinżel għal sebgħin sena (70) 'il fuq. Mad-dsatax-il elf (19,000) anzjan se jgawdu minn din il-miżura.

## 2.23 Government Savings Bonds għall-pensjonanti

F'erba' snin li ilna noħorġu s-Savings Bonds 62+, fejn ir-rata ta' mgħax li qed jitħallas hu ferm aktar għoli mir-rati ta' mgħax li jingħata minn banek kummerċjali, 'il fuq minn seba' u għoxrin elf u ħames mitt (27,500) pensjonant investew ftit anqas minn €400 miljun fi ħruġ ta' dawn il-Bonds.

Għalhekk, peress li r-rati ta' mgħax fuq kontijiet bankarji fissi baqgħu baxxi, għal sena oħra sejrin noħorġu dawn il-Bonds. Hu mistenni li madwar sitt elef (6,000) anzjan ġdid se jkunu eliġibbli għal dan il-ħruġ ta' Bonds.

## 2.24 Titjib fl-Inċentivi fiskali għal pensjonijiet privati

L-inċentivi fiskali li daħħalna sitt snin ilu, liema inċentivi jkopru kemm dawk li individwi jinvestu f'pensjoni privata magħrufa bħala Third Pillar Pension Scheme, kif ukoll lil min iħaddem li joffru skema volontarja u mhux kontributorja min-naħa tal-impjegat (il-Voluntary Occupational Pension Scheme), qed jagħtu l-frott. Fil-fatt diġà hemm ħdax-il elf (11,000) benefiċjarju

li investa fit-Third Pillar Pension u elfejn impjegat u min iħaddem li investew fil-Voluntary Occupational Pension Scheme.

Għas-sena d-dieħla, se nwessgħu l-ammont ta' investiment finanzjarju annwali li fuqu hemm eżenzjoni ta' taxxa b'€1,000 fis-sena (ara Tabella 2.3) biex hekk naslu għal €3,000 fis-sena.

## 2.25 Estensjoni ta' skemi eżistenti fuq xiri u bejgħ ta' propjetà

Sur President, bi pjaċir inħabbar li l-iskemi eżistenti li daħħalna tul dawn is-snin, se jerġgħu jiġu estiżi għal sena oħra. Qed nirreferi għall-iskemi fit-tnaqqis fit-taxxa tal-boll għall-First Time Buyers; għas-Second Time Buyers; għal xiri ta'propjetà vakanti fl-Urban Conservation Areas (UCA); xiri ta' propjetà f'Għawdex; kif ukoll l-iskemi ta' rifużjoni ta' spejjeż fuq xogħol ta' restawr.

Barra minn hekk, fil-każ tal-First Time Buyers, minn għada, se jkunu eżenti mit-taxxa tal-boll fuq l-ewwel mitejn elf ewro (€200,000) minflok fuq l-ewwel mija u ħamsa u sebgħin elf ewro (€175,000). Qed inħabbar ukoll li r-rata mnaqqsa ta' 3.5 fil-mija, fejn jidħol xiri ta' dar fejn wieħed joqgħod, anki jekk mhux first time buyer, u għal dawk li diġà jgħixu ġo dar li titħalla lilhom b'wirt, se tkun applikabbli wkoll fuq l-ewwel mitejn elf ewro (€200,000).

Barra minn hekk, dawk il-miżuri li daħħalna fil-Pjan ta' Riġenerazzjoni Ekonomika fejn ir-rata tal-boll fuq xiri ta' propjetà naqset minn ħamsa fil-mija (5%) għal wieħed punt ħamsa fil-mija (1.5%) fuq l-ewwel erba' mitt elf ewro (€400,000) tal-valur tal-propjetà u t-tnaqqis tar-rata ta' taxxa, minn tmienja fil-mija (8%)

għal ħamsa fil-mija (5%) fuq dawk li qegħdin ibiegħu propjetà, se jibqgħu fis-seħħ. Dan jgħodd għal dawk il-konvenji rreġistrati sal-31 ta' Marzu 2021 u li mbagħad it-tali konvenju jissarraf f'kuntratt li jsir mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021.

## 2.26 Traħħis fit-taxxa fuq propjetà li tingħata b'donazzjoni

F'dan il-Baġit se nkunu qed nestendu l-ammont li huwa eżentat mit-taxxa meta propjeta' tingħata b'donazzjoni mill-ġenituri għall-ulied, fejn il-propjetà li tingħata tintuża biex l-ulied jgħixu fiha. L-ammont se jitla' minn mitejn elf ewro (€200,000) għal mitejn u ħamsin elf ewro (€250,000). Il-valur tal-propjetà addizzjonali fuq dan l-ammont se jkompli jiġi intaxxat b'3.5 fil-mija.

## 2.27 Għajnuna biex issir sid ta' darek u benefiċċji tal-kera

L-iskemi li daħħalna ta' Equity Sharing Scheme għal dawk li huma taħt l-erbgħin sena u l-oħra għal dawk li għalqu l-erbgħin sena, u l-benefiċċji tal-kera fuq id-djar soċjali u djar affordabbli sejrin jitkomplew.

Fuq l-iskema tal-Equity Release Scheme, wieħed jistenna li s-suq jibda joffrihom. Dan wara li l-liġijiet u r-regolamenti neċessarji daħħlu fis-seħħ minn Settembru tas-sena l-oħra.

Problema li tinkwieta numru sostanzjali ta' familji, speċjalment dawk li jkunu xtraw residenza ordinarja tagħhom jew garaxx mingħand terzi, hi dik fejn hemm diskrepanza bejn dak li kien hemm fuq il-pjanti annessi mal-kuntratt u l-binja eżistenti.

Dan qed iwassal biex il-familji ma jkunux jistgħu jittrasferixxu r-residenza ordinarja tagħhom.

Dawn il-familji se jkunu qed jingħataw iċ-ċans li jirregolarizzaw rwieħhom bi skema li se tiġi mnedija matul is-sena d-dieħla.

## 2.28 Taxxa fuq Ċessjonijiet

Mill-ewwel ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena d-dieħla r-rata ta' taxxa finali ta' 15 fil-mija li titħallas fuq qligħ jew profitti li jsir mill-assenjazzjoni ta' kwalunkwe dritt miksub f'terminu ta' wegħda ta' bejgħ (konvenju) se tiġi estiża fuq l-ammont kollu. Tul dan il-perjodu se ssir evalwazzjoni tal-andament tal-miżura qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar il-futur tagħha għal quddiem.

## 2.29 Konċessjoni għat-trasferiment ta' negozju

Aħna rridu li n-negozju tal-familji jibqa' miexi 'l quddiem minn ġenerazzjoni għal oħra. Kien għalhekk sentejn ilu daħħalna l-miżura fejn naqqasna r-rata tal-Boll li hu dovut għat-trasferiment tan-negozju għal 1.5 fil-mija. B'din il-miżura, fi tliet snin il-Gvern għen lin-negozji familjari bi frankar ta' 'l fuq minn tlieta u għoxrin miljun ewro (€23m) fi frankar ta' taxxi.

Irrid inħabbar li din il-miżura sejra tiġi estiża għal sena oħra, liema miżura ser tiswa mas-seba' miljun u nofs ewro (€7.5m).

## 2.30 Withholding tax fuq introjtu minn drittijiet (Royalties ta' bejgħ ta' kotba

Biex ninkoraġġixxu aktar kittieba li jippubblikaw xogħlijiet litterarji tagħhom ħalli jkompli jikber il-wirt kulturali ta' pajjiżna, mis-sena d-dieħla, kull qligħ li awtur idaħħal bħala royalties fuq bejgħ ta' kotba li tagħhom huwa awtur jew ko-awtur, se jibda jiġi intaxxat bir-rata ta' taxxa finali ta' 15 fil-mija.

## Tabella 2.1: Żieda fit-Tax Refund

| **Komputazzjoni: Singola** | | |
|---|---|---|
| **Dħul** | **Ammont** | |
| | **2020** | **2021** |
| €0 - €15,000 | €60 | €80 |
| €15,001 - €30,000 | €50 | €65 |
| €30,001 - €59,999 | €40 | €45 |
| | | |
| **Komputazzjoni: Miżżewġin** | | |
| **Dħul** | **Ammont** | |
| | **2020** | **2021** |
| €0 - €20,000 | €68 | €95 |
| €20,001 - €40,000 | €56 | €80 |
| €40,001 - €59,999 | €44 | €50 |
| | | |
| **Komputazzjoni: Ġenitur** | | |
| **Dħul** | **Ammont** | |
| | **2020** | **2021** |
| €0 - €15,000 | €64 | €90 |
| €15,001 - €30,000 | €52 | €75 |
| €30,001 - €59,999 | €40 | €45 |

## Tabella 2.2: Dħul mill-pensjoni mhux intaxxat

| | 2020 | 2021 |
|---|---|---|
| Komputazzjoni: Singola | €13,798 | €14,058 |
| Komputazzjoni: Ġenitur | €13,798 | €14,058 |
| Komputazzjoni: Miżżewwġin | €13,798 | €14,058 |
| | | |
| **Dħul ieħor mhux intaxxat** | | |
| | **2020** | **2021** |
| Komputazzjoni: Miżżewwġin | €2,000 | €3,600 |

## Tabella 2.3: Investiment li persuna tista' tagħmel kull sena

| | Investiment f'sena fit-Third Pillar Pension Scheme | Investiment f'sena fil-Voluntary Occupational Pension Scheme | Massimu ta' Taxxa ffrankata kull sena |
|---|---|---|---|
| Persuna singola | €3,000 | €3,000 | €1,500 |
| Persuna miżżewġa iżda persuna waħda biss taħdem | €6,000 | €3,000 | €2,250 |

# 3. NINĊENTIVAW IT-TKABBIR EKONOMIKU

## 3.1 Pjan għal irkupru u trasformazzjoni tal-ekonomija

Sur President,

Dan il-baġit se jkompli jinċentiva t-tkabbir ekonomiku.

It-tkabbir ekonomiku kien u se jibqa' l-għajn ta' kull ġid li bih il-Gvern jibqa' jsaħħaħ il-pensjonijiet, inaqqas il-faqar, jonfoq iżjed fuq is-saħħa inkluż aktar mediċini b'xejn, u jkompli jgħolli l-livell tal-edukazzjoni, u fuq kollox jipprepara ruħu għal kwalunkwe kriżi li pajjiżna jista', kif fil-fatt qiegħed, jiffaċċja.

Riżultat tal-esperjenza tal-pandemija għall-futur se jkun hemm attenzjoni akbar biex naraw li dan it-tkabbir iwassal għal kwalità ta' ħajja aħjar għall-familji tagħna. Dan ifisser li l-ewwel nett l-attività ekonomika sew privata u sew pubblika għandha titmexxa fuq governanza tajba. It-tieni nett ser naraw li dan it-tkabbir jinbena fuq il-prinċipji ta' Ekonomija Ħadra, bl-inqas impatt negattiv fuq l-ambjent, fuq l-arja, l-ilma u l-baħar u l-użu tal-art, kif ukoll b'inqas ġenerazzjoni ta' skart ras għal ras. Fuq kollox tul tletin sena nnaqqsu gradwalment id-dipendenza fuq enerġija minn sorsi tal-passat li qed iwasslu għal tibdil fil-klima. Il-mira tagħna hi li mal-2050 pajjiżna jkun ħieles mill-karbonju.

It-tielet nett se naraw li nisħqu fuq l-innovazzjoni u nisfruttaw it-teknoloġija diġitali f'kull settur tal-ekonomija ta' pajjiżna. Din hija l-unika triq biex pajjiżna li hu nieqes minn riżorsi naturali jibqa' kompetittiv u fuq quddiem fit-tkabbir ekonomiku. Biex nagħmlu hekk irridu nsaħħu bil-kbir l-investiment fl-infrastruttura fis-sens wiesa' tagħha.

Dan il-baġit se nuru kif beħsiebna nibdew it-triq twila biex naslu nilħqu dawn l-għanijiet, primarjament għal ekonomija sostenibbli mibnija fuq ekonomija ħadra u ekonomija diġitali.

### 3.2 Inkomplu nissalvagwardjaw l-impjiegi

Sur President,

Qabelxejn iżda rridu naraw li l-ekonomija tagħna, in-negozji tagħna, il-ħaddiema tagħna jibqgħu ekonomikament f'saħħithom tul dawn iż-żminijiet diffiċli, ħalli meta l-pandemija tgħaddi, mhux biss inkunu nistgħu nkomplu fejn ħallejna f'dak li hu tkabbir u tqassim tal-ġid nazzjonali imma ppreparati sew għall-isfidi tal-futur.

Sal-lum permezz tal-COVID Wage Supplement issalvagwardjajna mal-mitt elf (100,000) impjieg u tajna għajnuna lil aktar minn għoxrin elf (20,000) kumpanija. Il-Gvern qed janalizza kontinwament l-andament ekonomiku u jadatta l-miżura skont il-bżonnijiet.

Għalhekk wara li tkellimna ma' diversi msieħba soċjali se nkunu qed nestendu din l-għajnuna sal-aħħar ta' Marzu 2021. Issa li għandna iktar esperjenza ta' kif imxiet din il-miżura u iktar *data* nistgħu naraw li nimmodifikaw din il-miżura sabiex naraw li l-akbar għajnuna tkun indirizzata lil min l-aktar għandu bżonn bi kriterji ċari, prinċipalment it-turnover tan-negozju.

Huwa stmat li l-ispiża fuq din l-iskema se tlaħħaq sa €40 miljun fix-xahar.

Dwar il-miżuri li jgħinu l-likwidità tan-negozji li ħabbarna fil-Pjan ta' Riġenerazzjoni Ekonomika fosthom it-tax deferrals, il-moratorium, is-self mill-banek garantit mill-Gvern kif ukoll is-sussidju fuq l-imgħax, dawn kollha se jibqgħu fis-seħħ kif imħabbra. Lejn l-aħħar ta' Marzu 2021, issir evalwazzjoni ta' dawn il-miżuri b'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali.

Bħala Gvern se nibqgħu b'idejna fuq il-polz tal-industrija u negozji żgħar u se nkomplu naħdmu biex nidħlu f'oqsma ġodda ekonomiċi u naġġornaw l-infrastruttura tal-industrija ta' pajjiżna b'mod li tirrifletti l-ħtiġijiet u l-isfidi  mhux biss tal-lum, imma anke dawk tal-futur.

Għalkemm hemm bażi soda fl-ekonomija tagħna, sabiex tibqa' tkun reżiljenti u kompetittiva, se jkun qed jitfassal pjan b'viżjoni ċara għall-ekonomija Maltija għall-għaxar snin li ġejjin u strateġija li tiffoka fuq it-tliet snin li ġejjin.

Barra minn hekk, il-Malta Enterprise se tkun qed issostni s-settur tal-investiment produttiv bi skemi innovattivi.

## 3.3 Fondi Ewropej għal Malta u Għawdex li jlaħħqu it-2.25 biljun ewro

L-eżitu tas-Summit li sar bejn il-Mexxejja Ewropej, f'Lulju li għadda, wassal biex il-Gvern Malti jikseb allokazzjoni ta' fondi għal Malta u Għawdex li jlaħħqu s-somma ta' aktar minn żewġ biljun ewro.

Dawn il-fondi huma mifruxa fuq programmi ffinanzjati mill-baġit tradizzjonali (MFF) tal-Unjoni Ewropea u minn fondi mill-istrumenti ġodda ta' rkupru u ta' tranżizzjoni (RFF) li nediet il-Kummissjoni Ewropea fl-isfond ta' sfidi kbar ambjentali u tal-kriżi tal-COVID-19.

Permezz ta' dawn il-fondi, il-Gvern Malti se jkompli jsaħħaħ l-investimenti neċessarji f'dawn is-setturi bħalma huma l-ambjent; it-tibdil fil-klima; ir-riċerka; l-innovazzjoni u t-teknoloġija diġitali; l-edukazzjoni; is-sigurtà ta' pajjiżna; dak soċjali u l-agrikoltura u sajd, fost l-oħrajn.

Sejrin inkomplu naħdmu biex inwettqu proġetti minn fondi Ewropej bħal ERASMUS+ u HORIZON 2020, filwaqt mill-fond 'Connecting Europe Facility' (CEF), Malta se tkun qed timplimenta proġetti ta' Arja Nadifa fil-Port il-Kbir u "s-ship-to-shore energy" għall-Port Ħieles.

Il-Gvern se jkun qiegħed jalloka madwar mija u għoxrin miljun ewro (€120 miljun) f'fondi Ewropej, li Malta kisbet taħt il-programm ġdid ReactEU kif ukoll xi fondi oħra Ewropej, sabiex ikompli jsostni l-impjiegi li ġew milquta mill-pandemija tal-COVID-19.

Iżda l-ħidma tagħna ma tiqafx mal-pandemija. Għaldaqstant, fix-xhur li ġejjin il-Gvern se jkun qiegħed ifassal programm ta' madwar mitejn u għoxrin miljun ewro (€220 miljun) ta' grants taħt il-Facilità għall-Irkupru u Reżiljenza (RRF), fuq investiment fis-setturi tal-ambjent u l-klima, kif ukoll il-bidla lejn realtà

iktar diġitali, fost l-oħrajn. B'hekk inkunu ppreparati aħjar biex nindirizzaw l-isfidi tal-futur.

## 3.4 Ekonomija Innovattiva

Biex inkomplu nikkonsolidaw l-investiment kapitali fis-settur diġitali, f'ħidma mal-korp konsultattiv 'Digital Economy Think Tank', se titfassal mill-ġdid l-Istrateġija Diġitali ta' Malta, biex tinkludi żviluppi li ġraw f'dan il-qasam.

Irrid insemmi li qed isir ukoll investiment qawwi f'cybersecurity, biex nipprovdu liċ-ċittadini serħan il-moħħ meta jkunu qegħdin jagħmlu użu minn din it-teknoloġija.

Il-viżjoni fil-qasam teknoloġiku għal pajjiżna, irid ikopri r-riċerka u l-innovazzjoni u jinkorpora l-adozzjoni ta' teknoloġiji innovativi u tal-ġejjieni, bħalma huma l-Virtual Reality; Augmented Reality; Immersive Technology; 3d printing; Quantum u High Performance Computing. Is-sena d-dieħla se tkun qed titkompla l-implimentazzjoni ta' proġetti tal-Artificial Intelligence (AI), fosthom f'oqsma bħall-edukazzjoni, saħħa u trasport.

Fil-qasam tal-esports u l-video game development, se naraw li barra li nattiraw kumpaniji li joperaw f'dawn is-setturi, inħarrġu studenti biex ikollhom il-ħiliet u jibdew karriera fl-industrija tal-Video Game Development.

Setturi li qed joperaw b'suċċess, bħal dak tal-gaming; Blockchain; għandna nkomplu nsostnu u nibnu fuq dan is-settur li kulma jmur

dejjem qiegħed iżid l-importanza tiegħu fil-mudell ekonomiku ta' pajjiżna.

Kumplimentari ma' dan kollu, sejrin naraw li ninvestu fil-kapital uman billi nkomplu nħarrġu liċ-ċittadini, ħaddiema u t-tfal tagħna fejn jidħol 'upskilling' u anke 'reskilling'.

## 3.5 Nattiraw Start-Ups lejn Malta

L-Istart-ups huma ċ-ċavetta li jwasslu għal tkabbir ta' ekonomija vibranti. Għalhekk  qed jitfassal qafas li se jagħmel lil Malta attraenti għal start-ups li jixtiequ li joperaw fl-Ewropa. Dan il-qafas se jkun ikkumplimentat b'fond mill-Gvern li se jkun investit f'Fondi ta' Venture Capital immirati li jistabilixxu l-industrija Maltija.

## 3.6 Żieda fit-threshold tal-VAT exempt

Biex nagħtu spinta oħra lill-operaturi ż-żgħar inkluż is-self employed fi żmien meta dawn urew resiljenza kbira, sejrin inżidu mill-ġdid it-threshold tal-VAT exempt minn għoxrin elf ewro (€20,000) għal tletin elf ewro (€30,000). B'din il-miżura dawn l-operaturi se titnaqqsilhom il-burokrazija.

## 3.7 Bejgħ online għan-Negozji

Se jkompli jsir xogħol biex in-negozji ngħinuhom ibigħu online. Irridu ninkoraġġixxu aktar negozji jkunu organizzati u attrezzati biex jbigħu online u kif ukoll jamalgamaw is-sistemi tagħhom ma' sistemi oħra ta' distribuzzjoni.

## 3.8 Ngħinu t-tisħieħ, it-tiġdied u l-innovazzjoni fl-industrija

Se titnieda skema tal-Malta Enterprise sabiex kumpaniji li jħaddmu inqas minn ħamsin (50) persuna jidħlu għal proġetti ta' innovazzjoni. Din l-iskema se tkun qed tgħin fuq investimenti teknoloġiċi biex itejbu l-operat tal-kumpaniji, titjib fl-effiċjenzi u tnaqqis fl-ispejjeż tal-operat, assistenza biex il-kumpaniji jfittxu swieq ġodda u biex jimpjegaw nies kwalifikati li jassiguraw is-sostenibbiltà tal-intrapriża tagħhom. L-iskema tkun miftuħa għal perjodu definit ta' sena u tkun qed tkopri sa 50 fil-mija tal-ispiża sa massimu ta' mitejn elf ewro (€200,000) għal kull kumpanija. Kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet ta' riċerka, lokali u internazzjonali twassal għal żieda ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000) fl-għajnuna li tingħata.

## 3.9 Skemi għall-Investiment Barrani Ġdid u Skemi Oħra

Biex l-ekonomija tibqa' tissaħħaħ, il-Malta Enterprise sejra tkompli testendi, issaħħaħ u tniedi skemi, biex tgħin kemm dawk is-setturi ekonomiċi li diġà qed joperaw ġewwa pajjiżna kif ukoll tattira investiment ġdid. Fost dawn l-iskemi wieħed isemmi l-Micro Invest; il-Business Development and Continuity Scheme; ir-Research & Development 2020 Scheme; l-R&D Feasibility Study Scheme; l-iskema Business Start.

Se jkun hemm promozzjoni biex aktar kumpaniji jużaw teknoloġija bħal Internet of Things fl-operat tagħhom filwaqt li jittieħdu inizjattivi biex il-Maltin u l-Għawdxin jixtru aktar il-Prodott Malti.

Pajjiżna jrid jibqa' joħloq u jiffaċilita l-investiment dirett billi bħala Gvern nużaw l-għodda taħt il-Framework Temporanju tal-Kummissjoni Ewropea u niffaċilitaw skemi ta' loans u tax credits

għall-industrija sabiex nattiraw investiment ġdid kif ukoll nsaħħu l-operat tagħhom f’Malta.

### 3.10 Protezzjoni tal-Konsumatur

Se ninvestu sabiex inkomplu nassiguraw il-ħarsien tal-konsumatur, u dan billi ntejbu l-faċilitajiet tal-laboratorji nazzjonali, fosthom dawk għal skopijiet ta’ sorveljanza u ttestjar tal-kwalità tal-mediċini; jiġi ffaċilitat aktar l-proċess li permezz tiegħu l-konsumaturi u n-negozjanti jkunu jistgħu jsibu riżoluzzjoni alternattiva għal xi tilwim ta’ bejniethom u jitwaqqaf e-Enforcement Unit.

### 3.11 Il-qasam tal-Avjazzjoni u l-Marittimu

Il-Gvern hu determinat li s-suċċess li nkiseb fil-qasam Marittimu jiġi replikat fil-qasam tal-Avjazzjoni. Kien għalhekk li emendajna dawk il-liġijiet ħalli nattiraw kumpaniji li joperaw f’dan il-qasam lejn Malta, filwaqt li dawk li diġà qegħdin hawnhekk, ikomplu jespandu l-operat tagħhom.

Bit-twaqqif ta’ Stakeholders Forum, li jkun jinkludi rappreżentanti ta’ min huwa involut fil-qasam tal-avjazzjoni, sejra tiġi mnedija l-Politika tal-Avjazzjoni.

Fejn jidħol il-Marittimu, se tkompli l-ħidma biex jissaħħaħ ir-Reġistru Marittimu kif ukoll issir ħidma biex ikun hemm aktar promozzjoni fil-qasam tas-Super Yachts ħalli din l-industrija tattira aktar yachts ta’ dan it-tip lejn xtutna.

Konxji mir-riskji ambjentali li jiġu kkawżati minn xi inċident marittimu, se nkunu qed naraw li jingħata l-appoġġ meħtieġ sabiex jibdew jittieħdu l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tan-National Marine Pollution Contingency Plan.

## 3.12 Air Malta

L-Air Malta kienet, għadha u tibqa' waħda mill-pilastri l-iktar importanti għall-ekonomija Maltija. Dan stajna narawh waqt din il-pandemija, fejn l-Air Malta operat 'life line schedule' sabiex il-pajjiż baqa' b'konnettività mal-Ewropa u b'hekk assigurajna li persuni Maltin maqbudin barra minn Malta jkunu jistgħu jinġiebu lura pajjiżna.

Huwa fatt magħruf li waqt il-pandemija tal-COVID-19, is-settur tal-avjazzjoni l-iktar li ġie milqut. Għaldaqstant bħala Gvern se nkunu qegħdin naraw li ngħinu l-Air Malta tirkupra parti mit-telf li għamlet minħabba l-pandemija u għalhekk fil-ġranet li ġejjin se nkunu qegħdin indaħħlu talba ta' State Aid mal-Kummissjoni Ewropea.

## 3.13 Nerġgħu nibnu l-qasam tat-Turiżmu

It-Turiżmu huwa pilastru ewlieni fil-kuntest soċjoekonomiku Malti li jikkontribwixxi sostanzjalment fil-ħolqien tal-ġid u l-impjiegi.

L-effett tal-pandemija kien devastanti għal dan is-settur u magħha, is-setturi kollha li din l-industrija, b'mod dirett jew indirett, tirrelata magħhom jew issostni. Mil-lejl għan-nhar, dawn is-setturi raw id-dħul tagħhom kważi jieqaf għalkollox.

Kif diġà semmejna, dan il-Gvern se jkompli jgħin lil dawk is-setturi, bħas-settur turistiku, f'dan il-mument ta' diffikultà. Għas-sena d-dieħla, l-iskop prinċipali tagħna huwa li naħdmu bla heda sabiex nirkupraw kemm nistgħu dak li tlifna. L-isfidi huma kbar. Se nkunu qed nikkompetu għal numri ferm iżgħar ta' vjaġġaturi globali, iżda aħna se nkunu lesti sabiex nerġgħu nibdew it-triq li konna drajna nesperjenzaw sas-sena l-oħra fejn konna niksbu riżultati aħjar mill-medja internazzjonali.

Fid-dawl ta' dan, fil-ġimgħat li ġejjin se nkunu qegħdin invaraw strateġija aġġornata għall-iżvilupp tat-turiżmu tagħna bbażata fuq il-prinċipji ta' bidu ġdid tal-industrija tat-turiżmu tagħna msejsa fuq sisien aktar sostenibbli u kompetittivi u li jimmiraw għal aktar kwalità. Din l-istrateġija għandha twassalna sas-sena 2030.

## 3.14 Ngħinu l-Industrija tat-Turiżmu timxi lejn 'Net Zero Carbon Neutral'

Kulma jmur, is-soċjetà saret iktar konxja tal-impatt li l-azzjonijiet tagħna għandhom fuq l-ambjent li ngħixu fih. Huwa għalhekk li bdejna naħdmu fuq pjan ta' implimentazzjoni fit-tul sabiex l-industrija tat-Turiżmu taqleb l-operat tagħha għal 'net zero, carbon neutral'. Il-viżjoni tagħna hi li kull stabbiliment Turistiku żgħir jew kbir f'pajjiżna jibda jiġġenera biżżejjed enerġija minn sorsi nodfa, filwaqt li jnaqqas l-konsum permezz ta' investimenti f'teknoloġiji innovattivi.

## 3.15 Investiment Diġitali fil-qasam tat-Turiżmu

Anki fil-qasam tat-turiżmu, se naraw li tidħol id-diġitalizzazzjoni li għandha tippreżenta opportunitajiet għan-negozji biex ikomplu jespandu l-firxa tas-swieq tagħhom, iżidu t-tkabbir, itejbu l-effiċjenzi fl-operat, u jkabbru l-vantaġġ kompetittiv tagħhom.

## 3.16 Avvenimenti, Marketing u Sigurtà

Barra li sejrin ikollna pakkett ta' inċentivi ta' promozzjonijiet internazzjonali biex nattiraw it-turist li jiġi ġewwa pajjiżna u niffinanzjaw l-organizzazzjoni ta' numru ta' avvenimenti li jkunu mqassma matul is-sena kollha ħalli nnaqqsu l-istaġjonalità, se naħdmu biex nerġgħu nistimulaw is-settur tant importanti tal-Konferenzi u Inċentivi.

Sejrin inkomplu ntejbu l-prodott turistiku, li tinkludi wkoll ir-riġenerazzjoni u ż-żamma fi stat tajjeb taż-żoni turistiċi. Għaldaqstant matul is-sena d-dieħla se nkunu qed inniedu Design Contest bil-għan li jitfassal Pjan Ħolistiku għar-Riġenerazzjoni ta' diversi żoni turistiċi.

Fejn tidħol sigurtà, se nkomplu naħdmu biex niżviluppaw il-kunċett ta' Safe City. L-ewwel żona li se tkun qed tħaddan dan il-kunċett, huwa ż-żona ta' Paceville. Fl-aħħar xhur kienet għaddejja ħidma mal-pulizija, li ffukat kemm fuq l-aspett tekniku kif ukoll ta' l-operat fil-qafas legali, biex din iż-żona tiġi mħarsa permezz ta' CCTV cameras.

## 3.17 Miżuri li jindirizzaw ir-realtajiet ta' Għawdex

Sur President, dan il-Gvern dejjem poġġa fuq nett il-prijorità li jagħti lill-Għawdxin u hekk se jibqa' jagħmel. Aħna sejrin inkomplu nagħtu dak l-istimolu neċessarju biex ir-rendiment ekonomiku li rajna ġewwa Għawdex, rendiment li wassal biex jiġi reġistrat tkabbir ekonomiku akbar minn ta' Malta u tnaqqis fil-qgħad, jitkompla fis-snin li ġejjin.

Aħna kommessi li nkomplu naraw li Għawdex ikompli jiddiversifika l-attività ekonomika tiegħu u jnaqqas id-dipendenza tiegħu fuq is-settur pubbliku u dak tat-turiżmu, filwaqt li nibqgħu ninvestu biex isir ċentru tar-riċerka u post fejn jistgħu jiġu varati u jsiru proġetti piloti fejn tidħol teknoloġija avvanzata. Dan kollu jsir filwaqt li nibqgħu nħaddnu l-kunċett li Għawdex jibqa' gżira ekoloġika u jkompli jisbieħ bi proġetti li jikkumplimentaw il-viżjoni ta' ambjent sostenibbli.

U bla dubju ta' xejn, kemm il-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex kif ukoll l-Awtorità Reġjonali għal Għawdex żewġ istituzzjonijiet li waqqaf dan il-Gvern, sejrin ikomplu jgħinu biex din il-viżjoni għal Għawdex, titwettaq.

## 3.18 Inċentivi għall-ħolqien ta' impjiegi f'Għawdex

B'introduzzjoni tat-tieni fibre optic cable; l-Innovation Hub tax-Xewkija u t-tkomplija tax-xogħol fuq l-Osservatorju Astronomiku Nazzjonali fl-Qortin fin-Nadur, se jinħolqu opportunitajiet ġodda ta' xogħol ta' valur miżjud għoli.

Fil-qasam tradizzjonali tas-setturi tal-agrikultura u sajd, se nkunu qed naraw li jiddaħħlu numru ta' inizjattivi biex dawn l-oqsma isiru aktar sostenibbli billi jiddiversifikaw l-operat tagħhom.

Id-diversi skemi li ġew implimentati f'dawn l-aħħar snin u li kienu ta' xprun biex jinħoloq aktar xogħol ġewwa Għawdex, sejrin jitkomplew. Għalhekk se jiġu estiżi l-Employment Refund Scheme; Teleworking Scheme; l-iskemi fil-qasam tal-MICE. Fejn jidħlu l-Back Office Employment Refund Scheme u skemi ta' sapport promozzjonali lill-intrapriżi Għawdxin li joperaw b'mod speċjali fis-settur tal-innovazzjoni diġitali, tat-teknoloġija tal-internet u fis-settur turistiku, se jkunu qed jitjiebu ħalli jinkisbu aktar riżultati pożittivi. Jitħabbru aktar dettalji 'l quddiem.

Matul is-sena d-dieħla, se jitkompla x-xogħol fuq ir-rinnovazzjoni u l-upgrade meħtieġ tal-infrastruttura tal-ICT fil-Binja Amministrattiva tal-Ministeru għal Għawdex. Meta jkun lest dan il-proġett, se jipprovdi ambjent akkoljenti u modern u jħares l-aspetti ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-impjegati u klijenti.

## 3.19 Xogħol infrastrutturali f'Għawdex

F'dak li għandu x'jaqsam ma' infrastruttura, se jitkompla bil-bini mill-ġdid ta' Toroq arterjali u toroq oħra. Bħala parti mil-landscaping, isir xogħol ta' restawr ta' statwi u niċeċ li jinsabu mxerrda fit-toroq u l-pajsaġġ Għawdxi kif ukoll jiġu installati mosaic murals fiż-żoni turistiċi u jsir xogħol ta' infrastruttura fl-inħawi tal-Blue Lagoon f'Kemmuna.

Permess tat-teknoloġija Artifiċjali u Internet of Things, se jitkompla l-proġett tas-smart parking ġewwa aktar parkeġġi u toroq madwar Għawdex sabiex persuna tkun taf kemm u fejn hemm parkeġġ disponibbli.

Se jitkompla x-xogħol fuq il-bini taċ-Ċentru Akkwatiku li barra l-Pixxina Olimpika, jinkorpora r-restawr u ż-żieda ta' aktar faċilitajiet sportivi fil-Padiljun Sportiv. Se jsir upgrade fl-infrastruttura teknika tal-korsa taż-żwiemel f'Tax-Xħajma.

Il-Master Plan għad-diving, li kien ġie mħejji snin ilu, se jiġi aġġornat u mġedded biex ikun jirrifletti il-bżonnijiet preżenti u futuri ta' dan id-delizzju u niċċa turistika.

Se jsiru dawk l-istudji meħtieġa biex eventwalment jiġi implimentat il-Mużew kulturali taħt il-baħar, li għandu jkun l-ewwel xorta tiegħu f'dawn il-gżejjer. Se jsir ukoll il-proġett ta' Virtual Reality ġewwa ċ-Ċittadella, li għandu jwassal biex il-viżitatur jesperjenza l-istorja u l-kultura tal-post b'mezzi interattivi.

Barra l-benefiċċju għal kiri ta' akkomodazzjoni, li qed jingħata lill-istudenti Għawdxin, l-istudenti se jkomplu jiġu megħjuna bil-proġett ta' akkomodazzjoni f'Villa Lauri, Birkirkara. Se jitkompla x-xogħol fuq id-dar għall-anzjani f'Dar Ġużeppi f'Għajnsielem.

Fl-isfond ta' Eko-Għawdex, se jingħata bidu għall-ewwel fażi ta' proġett pilota għall-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli mis-slurry tal-baqar u materjal organiku.

Se nkomplu mixjin bit-tisbiħ ta’ numru ta’ widien; bini ta’ ħitan tas-sejjieħ u bl-afforestazzjoni f’diversi nħawi.

### 3.20 Il-Konnettività bejn iż-żewg gżejjer

Sur President, il-Gvern se jkompli jaħdem biex itejjeb il-konnettività bejn iż-żewġ gżejjer.

Huwa għalhekk li l-proġett li jkun hemm trasport tal-Fast Ferry, isir wara li jiġu solvuti l-intoppi li nqalgħu li wasslu biex jiġi pospost l-introduzzjoni ta’ dan is-servizz.

Fejn jidħol l-użu tar-raba’ vapur, permezz ta’ sejħa għall-offerti għall-Public Service Obligation, se nkunu qed nassiguraw li dan is-servizz ikun fuq bażi permanenti. U dan hu kkumplimentat bl-introduzzjoni tas-servizz il-ġdid tal-Linja X300, servizz li se jkun qed jagħti servizz ta’ kwalità u jirrispondi għall-ħtiġijiet ta’ dawk l-Għawdxin li ta’ kuljum jaqsmu bejn iż-żewġ gżejjer.

Fuq il-mina, tlesta l-proċess tal-pre-qualification questionnaire (PQQ), li huwa l-ewwel stadju minn proċess ta’ tlieta, li għandu jwassal biex jekk il-proġett ikun feasible, jintgħażel il-konċessjonarju li jkun se jiddisinja, jibni, jiffinanzja, jopera u jieħu ħsieb il-mina.

### 3.21 Il-Biedja u Sajd

Il-Gvern sejjer ikompli jagħti l-importanza xierqa lis-settur tal-Biedja u Sajd.

Sur President, is-sena d-dieħla se nkunu qed nagħtu grants, liema ammont ta' grants ikun ekwivalenti għat-taxxa li titħallas fuq il-bejgħ tal-prodotti li l-bdiewa u s-sajjieda, ibigħu fil-Pitkalija u fil-Pixkerija.

Dawn il-grants se jkunu marbuta ma' investiment fi proġetti li jnaqqsu l-ħela ta' prodotti agrikoli u tal-ħut filwaqt li jiddaħħlu sistemi fejn jikkontrollaw l-ammont ta' prodott li jitpoġġa fis-suq, skont id-domanda tal-konsumatur.

Aktar dettalji jingħataw 'il quddiem.

Wara li din is-sena pprovdejna għajnuna sabiex indaħħlu kultura ta' taħriġ u innovazzjoni biex naraw li dan is-settur jikber bħal setturi oħrajn, is-sena d-dieħla se nkunu qed noffru skemi ġodda bl-għan li nħajru aktar bdiewa żgħażagħ jidħlu f'dan is-settur, filwaqt li nkomplu bid-diversi kampanji favur il-konsum ta' prodotti lokali ta' kwalità.

Se tiġi implimentata l-Istrateġija dwar ir-Reżistenza Antimikrobika bil-għan li titjieb il-bijosigurtà fl-irziezet u l-użu prudenti tal-antimikrobiċi.

Sejrin inkomplu fuq xogħlijiet ta' ċentri għar-riċerka fl-Agrikoltura kif ukoll fl-Akwakultura u fil-qasam tal-inbid u l-vitikultura, se jitkompla t-titjib tal-faċilitajiet ta' riċerka fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Inbid u d-Dwieli.

Is-sena d-dieħla nibdew inwettqu r-riforma li nintroduċu sistemi ta' traċċabilità u l-immodernizzar fl-istrutturi tal-Pitkalija.

Fejn jirrigwardja l-Biċċerija Pubblika, se nkunu qed niffaċilitaw l-investiment sabiex isir użu u tqegħid fis-suq ta' by-products u b'hekk inżidu l-kompetittività tas-settur u jkollna prodotti speċjalizzati.

F'dan il-baġit se jkunu qed jiġu vvutati fondi għat-tnedija ta' skema li tkun ibbażata fuq impenn multiannwali bl-intenzjoni li ttejjeb il-ħarsien tal-majjali fl-irziezet. Se nallokaw ukoll fondi sabiex is-sajjieda jkomplu jirrestawraw id-dgħajjes tradizzjonali tas-sajd tal-injam li ġew mibnija qabel is-sena 2007. Fondi oħra se jmorru biex ikomplu bil-proċess ta' metering tal-boreholes ħalli jkollna stampa ċara tal-konsum tal-ilma tal-pjan mill-biedja li jippermetti l-użu sostennibbli ta' din ir-riżorsa.

Bi skop li nkomplu ntejbu l-istandards tal-ħarsien u t-trattament xieraq tal-annimali, se nkunu qed intejbu l-faċilitajiet fil-kwarantina tal-annimali żgħar. Barra minn hekk, se jinbeda x-xogħol fuq il-bini taċ-ċimiterju tal-annimali.

## 3.22 L-immaniġġjar u l-konservazzjoni tal-Ilma

Ir-riżorsa tal-ilma hi waħda essenzjali għal pajjiżna, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li għandna klima semi-arida u d-domanda li dejjem qiegħda tiżdied. Il-Gvern se jkompli jaħdem fuq proġetti li jissalvagwardjaw din ir-riżorsa u jara li jwassal prodott tal-aqwa kwalità lill-konsumatur.

Fejn jidħol il-produzzjoni tal-ilma ġdid irriċiklat ta' livell terzjarju, għaddej xogħol estensiv fuq ħames ġibjuni fin-Nofsinhar ta' Malta; qed jiġu installati dispensers u estiż n-netwerk ta' distribuzzjoni

biex ikunu jistgħu jgawdu minnu aktar bdiewa kemm fit-Tramuntana u fin-Nofsinhar ta' Malta, kif ukoll f'Għawdex.

Se jitkomplew ix-xogħlijiet fuq l-impjant tar-reverse osmosis ġewwa Għawdex u l-mina li se tgħaqqad l-impjant tar-reverse osmosis ta' Pembroke mal-ġibjuni li hemm f'Ta' Qali. Fl-istess waqt se jkun hemm investiment fis-sistemi ta' produzzjoni u distribuzzjoni tal-ilma biex tilqa' għaż-żieda fid-domanda tal-ilma. Il-programm ta' tibdil ta' pajpijiet u mejnijiet tal-ilma; tisħiħ ta' pumping stations; u t-tkabbir fil-kapaċità ta' produzzjoni tal-impjanti tar-reverse osmosis, għandhom iwasslu biex tittejjeb il-kwalità tal-ilma tal-vit, tnaqqas il-ħela ta' ilma minn leaks; iżżid l-effiċjenza u tissalvagwardja r-riżorsi tal-ilma ta' taħt l-art ta' Malta. Se jinbeda wkoll ix-xogħol fuq l-iżvilupp ta' sistemi avvanzati ta' monitoraġġ tar-riżorsi tal-ilma f'Malta.

Se titkompla l-Kampanja Nazzjonali għall-konservazzjoni tal-ilma, fosthom bit-tqassim ta' water saving kits lir-residenti; it-tkomplija tal-attivatijiet edukattivi għat-tfal tal-iskejjel ġewwa ċ-ċentru Nazzjonali għall-Konservazzjoni tal-Ilma; u bi proġetti edukattivi għall-konservazzjoni tal-ilma fl-iskejjel.

Matul is-sena d-dieħla mistennija jitlestew ix-xogħlijiet ta' tisħiħ fuq l-impjant ta' Sant'Antnin filwaqt jinbeda pjan li għandu jwassal, fuq medda ta' snin, isir *overhaul* tas-sistema tad-drenaġġ u l-impjanti għat-tisfija.

## 3.23 Sistema ta' Trasport għall-Massa

Wara li tlestiet l-ewwel fażi tal-istudju dwar il-possibilità li tiġi introdotta Sistema ta' Trasport għall-Massa, permezz ta' sistema

metropolitana ta' taħt l-art bl-użu ta' light rail, is-sena d-dieħla se jkun qed isir it-tieni fażi ta' dan l-istudju, li se jkun ikopri, fost l-oħrajn, stħarriġ ġeotekniku dettaljat; studji sismiċi u x'servizzi ta' utilità hi meħtieġa. Ikun wara dawn l-istudji dettaljati, li wieħed ikun f'pożizzjoni li jieħu deċiżjoni jekk il-proġett hux vijabbli li jsir.

## 4. Lejn Ekonomija Ħadra

Sur President,

Jekk kien hemm xi ħaġa pożittiva bil-pandemija tal-COVID, kien li rajna l-kwalità tal-arja titjieb fejn l-emissjonijiet naqsu b'40 fil-mija. Fuq kollox in-nies bdew japprezzaw iktar l-ambjent ta' madwarhom u n-nuqqas ta' spazji miftuħa fil-lokalitajiet tagħna. Ilkoll irridu ambjent u kwalità ta' ħajja aħjar. L-ambjent li jgawduh it-tfal tagħna, l-anzjani, il-familji, il-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

Qed nimmiraw li jkollna pajjiż newtrali mill-karbonju b'passi deċiżivi biex waqt li l-ħajja tkompli tmur għall-aħjar, dak il-ġid jissarraf fi tnaqqis ta' emissjonijiet - li allura jwassal għal kwalità ta' ħajja aħjar.

Tabilħaqq il-Gvern se jsaħħaħ il-ħidma tiegħu biex jilħaq viżjoni li tintegra tkabbir ekonomiku ma' prinċipji ambjentali, u li timmira biex nilħqu l-mira ta' pajjiż newtrali mill-karbonju sal-2050.

Fix-xhur li ġejjin, se nkomplu bir-reviżjoni tal-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Ippjanar (SPED) kif ukoll tkompli l-ħidma dwar l-Istrateġija Nazzjonali Ambjentali (NSE) 2050 aġġornata u msejsa fuq il-kunċett ta' well-being, fejn id-dimensjoni ambjentali tifforma parti integrali mid-deċiżjonijiet li jieħu l-pajjiż. Irridu nassiguraw illi t-tkattir tal-ġid u l-well-being taċ-ċittadin jimxu id f'id.

Fil-baġit għas-sena d-dieħla, il-Gvern qed jivvota fondi għal dan il-għan ukoll u huwa mistenni li l-ewwel inizjattivi konkreti f'dan ir-rigward jitħabbru fix-xhur li ġejjin.

## 4.1 It-Tibdil fil-Klima

It-tibdil fil-klima hija sfida tagħna lkoll. Bħala pajjiż firmatorju tal-ftehim ta' Pariġi, għandna miri ambizzjużi ħafna. It-tnaqqis tal-emissjonijiet huma responsabbiltà ta' kulħadd. Huwa għalhekk li sa tmiem din is-sena, se jiġi ffinalizzat it-tfassil tal-istrateġija li se twassalna għal żero karbonju (Low Carbon Development Strategy), li fost l-oħrajn l-istrateġija se tkun qiegħda tesplora enerġija iktar nadifa u se tirrakkomanda azzjonijiet għal mezzi ta' trasport aktar nodfa, bini li jkollu standards ta' enerġija għolja u effiċjenti, kif ukoll immaniġġjar tal-iskart b'mod aktar ħolistiku u ambjentali, fost setturi oħra.

Aktar minn qatt qabel tinħass ukoll il-ħtieġa li kull persuna li tgħix f'Malta u Għawdex tifhem l-urġenza li tittieħed azzjoni f'waqtha rigward it-tibdil fil-klima u iżjed minn hekk is-sehem li kull persuna jista' jkollha biex tingħeleb din l-isfida globali. Għaldaqstant, matul is-sena d-dieħla se nniedu kampanja edukattiva dwar it-tibdil fil-klima, dak li jikkawżaha, il-konsegwenzi tagħha u l-modi konkreti kif kull persuna, b'bidliet żgħar, tista' tagħti s-sehem tagħha.

## 4.2 Inċentivi għal finanzjament fl-Ekonomija l-Ħadra

Matul is-sena d-dieħla l-Borża ta' Malta se tkun qed toffri pakkett attraenti lill-investituri sabiex joħorġu "Green Bonds" liema bonds ikunu jistgħu jiffinanzjaw proġetti li jippromwovu enerġija rinnovabbli u proġetti li jnaqqsu t-tniġġiż tal-arja.

### 4.3 L-Immaniġġjar tal-Iskart

Sur President, fix-xhur li għaddew ħabbarna l-akbar investiment li qatt sar fis-settur tal-immaniġġjar tal-iskart f'pajjiżna, dak li sejrin nibnu Material Recovery Facility biex inkunu f'pożizzjoni aħjar li nipproċessaw l-iskart riċiklabbli b'mod li dan isib suq għall-irkupru tiegħu. Se nibnu impjant li jittratta l-iskart organiku biex minnu mhux biss nirkupraw enerġija rinnovabbli imma nipproduċu wkoll kompost li l-bdiewa tagħna jkunu jistgħu jużaw fir-raba' tagħhom sabiex itejbu l-kwalità tal-ħamrija. Se jkollna impjant ġdid li jieħu post l-antik li jinsab fil-Marsa li jittratta skart kliniku u fdalijiet tal-annimali. Fuq kollox, se nissokktaw bil-ħidma biex jitwettaq il-proġett tal-Waste-to-Energy Facility, impjant li se jirkupra l-enerġija elettrika mill-iskart li ma jistax jiġi rriċiklat, u b'hekk jitnaqqas drastikament il-bżonn li jittieħdu meded kbar ta' art sabiex isiru miżbliet.

Sal-aħħar ta' din is-sena għandu jiġi ppubblikat il-Pjan il-Ġdid għall-Immaniġġjar tal-Iskart.

Il-produtturi għandhom rwol kruċjali fl-immaniġġjar tal-iskart f'pajjiżna. Fiż-żmien li ġej se jitwessgħu skemi eżistenti fosthom dawk li jkopru l-iskart mill-ippakkjar u t-tagħmir elettroniku.

Se nkunu qegħdin naħdmu biex għall-ewwel darba nindirizzaw is-separazzjoni tal-iskart mis-settur kummerċjali.

Wara li f'Settembru li għadda ġie ffirmat kuntratt bejn il-Gvern u s-settur privat biex tiġi introdotta sistema ta' rifużjoni fuq il-kontenituri tax-xorb, issa jmiss li matul is-sena d-dieħla titpoġġa

f’postha l-infrastruttura neċessarja inkluż il-magni li fihom il-pubbliku ġenerali se jkun jista’ jirritorna l-kontenituri vojta.

## 4.4 Il-miżura tas-Single-Use Plastics

Fis-sena li ġejja se tintensifika wkoll il-ħidma tagħna sabiex jitnaqqas l-użu tas-single-use plastics. Pass importanti f’din id-direzzjoni se jkun it-twaqqif tal-importazzjoni ta’ prodotti Single-Use Plastics mill-ewwel ta’ Jannar tas-sena d-dieħla. Is-sena ta’ wara, fl-2022, se jkun qiegħed jieqaf il-bejgħ ta’ dawn l-istess prodotti. Fil-frattemp jeħtieġ ukoll li l-pubbliku inġenerali jsir aktar konxju dwar il-ħsara li jikkawżaw is-single-use plastics fl-ambjent naturali.

## 4.5 Kwalità tal-Arja u Bijodiversità

Il-kwalità tal-arja fl-ibliet u rħula tagħna għandha tkun imħarsa kif jixraq. Għal dan il-għan is-sena d-dieħla għandu jibda jopera stazzjon ġdid għall-monitoraġġ tal-arja fix-Xemxija sabiex ikompli jifrex il-medda ta’ monitoraġġ. Se jkun ukoll qed jitħejja pjan sabiex titjieb il-kwalità tal-arja fil-pajjiż.

Sadanittant, matul is-sena d-dieħla se jitkompla x-xogħol biex titfassal Strateġija Nazzjonali dwar il-Bijodiversità 2022-2030, li tkun aġġornata mal-obbligi li għandna biex nassiguraw li l-bijodiversità rikka ta’ pajjiżna tkun imħarsa bl-aħjar mod.

Se jitkompla l-proġett tal-bini tal-Park Nazzjonali f’Ta’ Qali, li huwa l-akbar proġett ambjentali li qatt sar fil-pajjiż u li se jagħti lill-familji Maltin spazju kbir ta’ rikreazzjoni li jkun jista’ jitgawda matul is-sena kollha.

Matul is-sena d-dieħla se nkomplu nħaddru aktar ż-żoni urbani tagħna, fosthom pjazez u żoni fil-miftuħ għal postijiet ta' rikreazzjoni għall-familji tagħna.

Wara li din is-sena se nkunu għamilna l-ewwel erba' Green Walls f'pajjiżna, matul is-sena li ġejja se nkunu qegħdin inniedu skemi biex residenzi privati u ħwienet fl-urban ikunu jistgħu jinstallaw Green Walls mal-faċċati tagħhom.

Bl-istess mod se nkunu qed naħdmu fuq proġetti ambjentali taħt il-kunċett grey to green biex fiż-żoni fejn ngħixu u naħdmu, inkunu nistgħu naraw infrastruttura ħadra, fosthom żoni li minnhom ngħaddu kuljum.

Wara li nedejna l-inizjattiva sabiex fis-siti naturali jibda jopera tim ta' uffiċjali ("Rangers") biex jgħin lill-pubbliku jifhem aħjar il-karatteristiċi u l-bijodiversità tas-sit, se jkunu qed jispjegaw lin-nies liema attivitajiet jistgħu jsiru mingħajr dannu għall-bijodiversità u kif wieħed jista' jżur u jgawdi s-sit b'rispett sħiħ lejn l-integrità ambjentali taż-żona.

Barra minn dan, se jkompli l-investiment biex jinħoloq ambjent aħjar għall-ġenerazzjonijiet futuri billi jissebbħu żoni urbani fejn ikun hemm aktar siġar u jinħolqu nħawi ġodda ta' afforestazzjoni.

## 4.6 Sistema Ewropea ġdida fuq emissjonijiet ta' gassijiet tossiċi minn vetturi

Wara dak li nqala' fl-ittestjar tal-emissjonijiet minn vetturi ta' gassijiet tossiċi, l-Unjoni Ewropea, ħejjiet test ġdid. Dan huwa

l-Worldwide Harmonized Light Vehicle Test Procedure (WLTP), liema test se jipprovdi bażi aktar preċiża għall-kalkolu tal-konsum tal-fjuwil u l-livell ta' emissjonijiet ta' gass mill-vetturi. Dan it-test se juri valur ogħla ta' gass li joħroġ mill-vettura meta mqabbel mat-test li kien isir bil-metodu ta' qabel. Billi t-taxxa tar-reġistrazzjoni u l-miżata tal-liċenzja annwali hija marbuta ma' dawn l-indikaturi ta' emissjonijiet, il-Gvern ħaseb biex jirrevedi din il-konnessjoni b'mod li ma jkunx hawn tibdil fil-ħlasijiet.

Sur President, saru ħafna studji biex naraw li fejn jidħol il-konsumatur, dan ma jiġix mitlub iħallas aktar milli kien qed iħallas bħalissa, kemm fejn tidħol taxxa fuq reġistrazzjoni kif ukoll fejn tidħol il-miżata tal-liċenzja annwali tal-vettura.

Bi pjaċir inħabbar li għalkemm din ir-reviżjoni tas-sistema ta' ttestjar għal reġistrazzjonijiet ġodda se tidħol fis-seħħ mill-ewwel ta' Jannar li ġej, il-maġġoranza kbira tal-konsumaturi sejrin jaraw tnaqqis fil-ħlasijiet tat-taxxa tar-reġistrazzjoni u l-liċenzja filwaqt li oħrajn sejrin iħallsu r-rati li qed iħallsu llum. Ħadd mhu se jħallas aktar milli qed iħallas illum. Tant hu hekk li għas-sena d-dieħla l-Gvern qed jistma li se jdaħħal tliet miljun ewro (€3 miljun) inqas minn dawn il-ħlasijiet.

## 4.7 Inċentivi għall-użu ta' enerġija rinnovabbli

Matul is-sena d-dieħla, l-Enemalta se tkompli ssaħħaħ id-distribuzzjoni tal-elettriku u s-servizz mogħti lill-konsumatur. Fl-istess waqt, il-Gvern se jibqa' jisħaq fuq l-importanza ta' enerġija diversifikata, effiċjenti u nadifa ġejja minn sorsi rinnovabbli.

Għalhekk se jibqgħu fis-seħħ numru ta' skemi li qed jinċentivaw l-investiment f'sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Dawn jinkludu skemi għall-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajiċi solari; heat pump water heaters; solar water heaters u batteriji għall-ħażna tal-enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, se tkompli tiġi stabbilita feed-in-tariff għal elettriku ġġenerat minn installazzjonijiet fotovoltajiċi solari.

L-iskemi tar-restawr ta' bjar fi djar residenzjali; l-iskema ta' tibdil tal-appliances għal familji vulnerabbli; l-iskema ta' għotja fuq xiri ta' reverse osmosis, ukoll se jiġu estiżi.

Peress li jeħtieġ aktar promozzjoni tal-vantaġġi li joffru batteriji mqabbda ma' sistemi fotovoltajiċi, se tniedi proġett pilota f'binja pubblika sabiex jiġu murija b'mod prattiku l-benefiċċji ta' din it-teknoloġija fejn batteriji jintużaw għall-ħażna tal-enerġija rinnovabbli.

Barra minn hekk, se jiġu installati ħames "Eco-Intermodal Hubs" f'postijiet strateġiċi madwar il-gżejjer Maltin, fejn il-pubbliku ser jingħata aċċess għal kull informazzjoni dwar mezzi ta' trasport, kiri ta' e-scooters u e-bikes, kif ukoll faċilitajiet fejn wieħed jista' jiċċarġja l-mowbajl u juża l-WIFI.

Fejn jidħlu vetturi elettriċi, se jitkompla l-installar ta' taħlita ta' 130 ta' "medium-fast" u "fast-charging pillars"  li se jkunu disponibbli għall-pubbliku inġenerali.

Fl-2021, il-Gvern se jwettaq studju biex ikun hemm tibdil minn karozzi li jaħdmu bil-fjuwil għall-karozzi li jaħdmu bl-elettriku fis-Servizz Pubbliku.

Il-Gvern se jkompli jixpruna investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni fl-oqsma tal-enerġija u l-ilma sabiex, permezz ta' kollaborazzjoni mal-akkademja u l-industrija, riċerkaturi jkunu megħjuna finanzjarjament biex jaħdmu fuq proġetti li jwasslu għall-iżvilupp ta' prodotti, teknoloġiji u soluzzjonijiet addattati għal pajjiżna.

### 4.8 Għotja finanzjarja fuq skrappjar ta' vetturi li jħammġu

Se jkun qed jiġu allokati miljun u nofs ewro (€1.5m) għal skemi ta' skrappjar ta' vetturi. Il-grant se tvarja skont kemm iniġġżu l-emissjonijiet tal-vettura l-ġdida.

L-iskemi li kien hemm fuq skrappjar ta' vetturi li ilhom fiċ-ċirkolazzjoni 'l fuq minn għaxar snin, u li minflokhom jinxtraw vetturi li jniġġżu anqas, se jkun qed jingħata għotja li tvarja skont il-livell u l-kategorija tal-vettura. L-ogħla għotja tlaħħaq is-sebat elef ewro (€7,000).

Huma eliġibbli għal dawn l-iskemi, kemm individwi privati, kumpaniji privati u għaqdiet non-governattivi li huma reġistrati bħala tali.

### 4.9 Investimenti f'mezzi ta' Trasport alternattiv

Sejrin inkomplu nestendu għal sena oħra, dawk il-miżuri marbutin ma' xiri ta' vetturi elettriċi, liema miżuri huma intiżi biex inkomplu nżidu n-numru ta' vetturi li jniġġżu anqas.

Għalhekk, se jiġu estiżi l-miżuri li ma jkunx hemm taxxa ta' reġistrazzjoni u eżenzjoni mill-ħlas tal-liċenzja annwali tat-triq għal perijodu ta' ħames snin mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni, għal vetturi elettriċi u vetturi elettriċi plug-in.

Ir-rata speċjali applikabbli għal djar residenzjali biex individwi li għandhom vettura li taħdem bl-elettriku u matul il-lejl ikunu jridu jiċċarġjaw il-batterija, se tibqa' fis-seħħ.

## 4.10 Skemi Oħrajn

L-iskemi fejn qed tingħata għotja ekwivalenti għal rifużjoni sħiħa tal-VAT fuq roti u roti elettroniċi, se terġa' tiġi estiża. L-istess jgħodd għall-iskema li tinċentiva x-xiri ta' muturi, scooters u roti assistiti b'mutur tal-elettriku għal massimu ta' erba' mitt ewro (€400).

Fejn tidħol l-għotja għal min jaqleb il-vettura tiegħu biex taħdem bil-gass minflok bil-petrol, din l-għotja issa se titla' għal erba' mitt ewro (€400), iżda biex tkun eliġibbli, it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 tal-vettura msemmija trid tonqos b' 25 fil-mija.

Din l-iskema se tiġi estiża għall-vetturi kollha tat-trasport tal-passiġġieri u l-merkanzija, fejn f'dan il-każ, l-għotja titla' sa massimu ta' tmien mitt ewro (€800).

Fejn tidħol il-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni annwali għal muturi b'kapaċità kubika bejn 125cc u 250cc, meta tkun waslet biex tiġi rinnovata għal sena oħra matul is-sena d-dieħla, se tonqos minn €65 għal €25.

## 4.11 Vetturi u Muturi użati biss fi tmiem il-ġimgħa u Festi Pubbliċi/Nazzjonali

Il-vetturi kollha, inkluż il-muturi, li huma diġà reġistrati mal-Awtorità għat-Transport, se jkunu jistgħu japplikaw biex il-vettura tagħhom tkun liċenzjata biex tintuża fi tmiem il-ġimgħa u fil-ġranet ta' Festi Pubbliċi u Nazzjonali biss. F'dan il-każ, huma jibbenefikaw minn tnaqqis ta' ħamsa u tletin fil-mija tal-ħlas annwali tal-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni.

## 4.12 Għotja biex taxis ġodda jkunu aċċessibbli għas-siġġu tar-roti

Il-Gvern irid ikompli jara li persuni b'diżabilità jkollhom l-istess opportunitajiet biex ikomplu jintegraw fis-soċjetà.

Għalhekk, se jkun hemm baġit allokat biex minnu numru ta' taxis ġodda, jingħataw għotja ta' għaxart elef ewro (€10,000) mar-reġistrazzjoni ta' vettura ta' taxi ġdida li tkun aċċessibbli għas-siġġu tar-roti (WAT). Din l-għotja tapplika biss meta vettura oħra, b'magna ta' kombustjoni interna jkollha mill-anqas għaxar snin mis-sena tal-manifattura tagħha u li kellha liċenzja valida għall-aħħar ħames snin u tkun trid tiġi rreġistrata u skrappjata f'faċilità awtorizzata.

# 5. INSAĦĦU L-INFRASTRUTTURA

## 5.1 Tkomplija tal-proġetti ta’ bini ta’ toroq arterjali, residenzjali u rurali

Il-Gvern, kif beda jagħmel fis-snin li għaddew, se jkompli jwettaq il-pjan infrastrutturali biex dawn il-Gżejjer ikollhom toroq arterjali, residenzjali u rurali li jixirqu lill-pajjiż modern, u dan kollu biex il-pajjiż ikompli jtejjeb l-infrastruttura tat-toroq biex ikunu jistgħu jaqdu l-ħtiġijiet futuri tat-trasport ta’ dawn il-Gżejjer.

Is-sena d-dieħla se nkunu qed naraw it-tlestija ta’ proġetti maġġuri, bħas-Central Link Project u l-junction ġdida li tinsab bejn Pembroke u High Ridge, fis-Swieqi. Bħala proġetti ġodda li se jinbdew, hemm xogħol fuq il-mini ta’ Ħal Kirkop u l-Airport Intersection Project, il-Luqa Junction Project u l-Imsida Creek Junction.

Sejrin jitkomplew it-tħejjijiet neċessarji biex ikun jista’ jibda l-bini mill-ġdid tal-bypass ta’ Wied il-Għajn u ta’ subway ġdida biswit il-Bieb tal-Bombi.

Se jsir xogħol ta’ manutenzjoni u titjib fuq diversi toroq residenzjali u rurali u r-rinnovazzjoni fuq l-erba’ mini ewlenin tal-pajjiż – dawk ta’ Santa Venera, Ħal Kirkop, Tal-Qroqq u Ta’ Giorni.

Bħala parti mill-pjan li jkollna infrastruttura sostenibbli, fil-proġetti tat-toroq, se jibqgħu jiġu inkorporati l-bini ta’ bankini wesgħin, pontijiet u korsiji dedikati għal użu tar-roti. Sejjer jitniedi proġett pilota – Safe Cycle Routes Project – fejn ikunu qed jiġu

indikati rotot aktar siguri u jsir it-titjib ta' dawn it-toroq urbani biex jiffaċilitaw l-użu tar-rota u l-mixi.

## 5.2 Riġenerazzjoni tal-portijiet u titjib ta' faċilitajiet għall-qasam Marittimu

Sur President, sejrin inkunu qed inlestu x-xogħlijiet fuq ħames proġetti marittimi li huma l-breakwater ġdid ġewwa Marsaxlokk; erba' mollijiet fil-Bajja ta' San Tumas u f'Wied il-Għajn; il-bini mill-ġdid tal-moll ġewwa ċ-Ċirkewwa u faċilitajiet għas-sajjieda fil-Port tal-Imġarr, ġewwa Għawdex.

Fejn jidħlu proġetti ġodda li jinbdew is-sena d-dieħla, fost l-oħrajn wieħed isib titjib fl-infrastruttura madwar il-kosta li tinkludi faċilitajiet ġodda għall-passiġġieri li jużaw il-laneċ bħala mezz ta' trasport – f'Tas-Sliema u Bormla; Ta' Xbiex, Buġibba u l-Birgu. Komplimentari ma' dawn il-proġetti se jkun hemm it-tiswijiet meħtieġa ta' mollijiet eżistenti.

Sejrin inkomplu għaddejjin bl-aħħar tħejjijiet li għandhom iwasslu biex eventwalment jingħata bidu għall-Grand Harbour Clean Air Project, u dan sabiex il-Port il-Kbir ikollu sistema ta' shore side electricity li se tkun qed tnaqqas it-tniġġiż tal-arja ġġenerata mill-cruise liners.

## 5.3 Ninvestu fl-infrastruttura industrijali ta' għada

Se nkunu qed nimbarkaw fuq programm ta' investiment ta' aktar minn erba' mija u ħamsin miljun ewro (€450m) fuq medda ta' seba' snin li se jbiddel l-wiċċ tal-infrastruttura industrijali ta' pajjiżna kif ukoll ħolqien ta' spazji u uffiċċji ġodda għal negozji.

Dan se jinkludi investiment fil-Life Sciences Park ġdid, Kordin Business Centre, investiment fir-riġenerazzjoni ta' żona li kienet tintuża bħala miżbla fil-Marsa u li hawnhekk se jinħoloq spazju ġdid għall-SMEs kif ukoll investiment f'ċentru għal-loġistika. Programm ambizzjuż li se jimmarka bidu ta' kapitlu ġdid fl-istorja tal-industrija Maltija.

Jinsab fi stadju avvanzat il-pjan ta' riġenerazzjoni tal-Villaġġ tal-Artiġjanat f'Ta' Qali. Il-Gvern huwa kommess li dan il-proġett jitlesta sas-sena d-dieħla, u għalhekk tfassal pjan biex nagħtu is-sapport kollu lil dawk in-negozji li waqgħu lura fil-bini tal-proġett tagħhom. B'hekk l-upgrading tal-Villaġġ tal-Artiġjanat jitlesta kollu f'daqqa.

Bħala parti mit-tisħiħ tal-infrastruttura tal-avjazzjoni, se jibda l-proġett relatat mal-bini mill-ġdid tat-taxiway Lima, biex tikkumplimenta l-ħtiġijiet preżenti u biex Malta ssir ċentru ta' manutenzjoni fis-settur tal-avjazzjoni.

## 5.4 Immodernizzar tal-Faċilitajiet tas-Saħħa

Il-Gvern se jkompli jsaħħaħ l-infrastruttura tal-faċilitajiet li joffru servizzi tas-saħħa. Dan se jsir billi jkun hemm il-bini l-ġdid tal-Outpatients u l-parkeġġ taħt l-art ġewwa l-Isptar Mater Dei; inkomplu bl-immodernizzar tas-swali tal-Isptar Monte Karmeli;  jinbena Ċentru Reġjonali Ġdid fit-Tramuntana ta' Malta; l-immodernizzar ta' Ċentri tas-Saħħa, fosthom iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira, u l-immodernizzar tal-Bereġ li jinsabu fil-komunità madwar Malta u Għawdex kif ukoll it-tkomplija ta' Ċentru tas-Saħħa ġdid ġewwa r-Rabat Għawdex.

Il-Gvern, permezz ta’ fondi Ewropej, qiegħed ukoll iħabbar il-bini ta’ bank tad-demm ġdid flimkien ma’ ċentru speċjalizzat għall-ipproċessar u l-ħażna tat-tessuti u ċelloli staminali. Dan iċ-ċentru se jintroduċi servizzi ġodda, bħall-iffriżar tal-għadam, il-ħażna ta’ corneas u ċ-ċelloli staminali għall-użu minn pazjenti li jkunu rikoverati fl-Isptar tal-Onkoloġija.

## 5.5 Nissokktaw bl-investiment infrastrutturali f’istituzzjonijiet ta’ edukazzjoni terzjarja u fl-iskejjel

Sur President, matul is-sena d-dieħla sejrin ninvestu f’kumpless sportiv ġdid fl-Università ta’ Malta, liema kumpless se jinkludi, fost l-oħrajn, faċilitajiet għall-arti performattiva; indoor track għat-taħriġ tal-atleti; grawnd tal-futbol full size; trekk olimpiku u binja ġdida għall-Istitut tal-Edukazzjoni Fiżika u għall-Iskola tal-Arti Performattiva.

Sejrin ukoll inkomplu bit-titjib u bini ta’ aktar faċilitajiet fl-MCAST li jwasslu biex l-istudenti, l-impjegati u l-komunità tal-madwar ikollhom aċċess għal faċilitajiet sportivi, rikreattivi, u edukattivi.

Wara li din is-sena rajna t-tlestija tal-Iskola ġdida tal-Primarja fil-Qawra u t-tlestija ta′ fażi oħra tal-Iskola Sekondarja taż-Żejtun u se naraw it-tlestija tar-restawr tal-Iskola tal-Arti, se nissokktaw b′iktar xogħlijiet fuq il-bini ta′ żewġ skejjel ġodda - dik tal-Iskola Primarja fir-Rabat Għawdex u dik tal-Imsida, waqt li nissokktaw bil-ħidma ta′ estensjoni u jsir xogħol maġġuri ta’ immodernizzar tal-Iskola Sekondarja ta′ Santa Luċija u l-Iskola Primarja ta′ San Ġorġ ta′ Ħal Qormi.

Dan l-investiment fl-infrastruttura edukattiva, huwa meħtieġ biex ikun hemm futur edukattiv aħjar għal uliedna.

## 5.6 Aktar investiment f'faċilitajiet sportivi

Bħala parti mill-preparazzjonijiet biex Malta tospita l-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar, li se jsiru f'pajjiżna fis-sena 2023, sejrin inkomplu mhux biss nimmodernizzaw iżda nżidu numru ta' faċilitajiet sportivi ġodda biex nindirizzaw l-bżonnijiet ta' dixxiplini sportivi differenti b'investiment, li fuq medda ta' tliet snin, li se jlaħħaq il-ħdax-il miljun ewro (€11m).

Dawn il-faċilitajiet ġodda, fost l-oħrajn, se jinkludu l-bini ta' indoor rowing tank ġewwa l-Kottonera, liema faċilitajiet ta' taħriġ se jkunu eventwalment disponibbli għall-organizzazzjonijiet kollha li jipprattikaw dan l-isport; u l-bini ta' Outdoor Velodrome ġewwa Pembroke, li għandu jattira kompetizzjonijiet internazzjonali lejn Malta.

Se jkun qed jingħata bidu għall-bini tal-Kumpless tar-Rugby ġewwa Kordin.

## 5.7 Bini ta' Housing Soċjali

Il-programm li nbeda ftit ta' snin ilu, fejn hemm programmati li jinbnew 500 appartament minn fondi tal-Bank tal-Investiment Ewropew u l-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill Ewropew, u bini ta' kważi 700 appartament ieħor, fejn parti mill-investiment ġej mill-Fond Soċjali u tal-Iżvilupp Nazzjonali (NDSF), miexi b'ritmu mgħaġġel u se jitkompla.

Fl-istess waqt, se titkompla l-ħidma fuq programm ta' manutenzjoni u tisbiħ fil-blokok ta' appartamenti u fl-oqsma tal-Bini tal-Gvern.

## 5.8 Insaħħu l-industrija tal-kostruzzjoni

Il-Gvern se jkun qed jagħmel dawn il-bidliet meħtieġa fil-qasam tal-bini u kostruzzjoni, dan billi s-sena d-dieħla, se titwaqqaf l-Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni. Dan għandu jwassal biex din l-industrija topera b'aktar professjonaliżmu; jitnaqqas ir-riskju ta' inċidenti fejn ikun qed isir xogħol ta' kostruzzjoni u jiġi mħares l-ambjent tal-madwar.

Din l-Awtorità se tkun responsabbli li toħroġ policies; regolamenti u standards fil-bini u l-kostruzzjoni. Se jitwaqqaf ukoll Tribunal Indipendenti fejn jkun se jisma' każijiet ta' kontestazzjoni kontra xi deċiżjoni li tkun ittieħdet.

Iżda forsi l-aktar miżura importanti se tkun dik li għall-ewwel darba se jiġi introdott Fond ta' Kumpens.

Din l-industrija kompliet tissaħħaħ billi daħħalna liġi li tirregola r-real estate agents. Matul dawn l-aħħar xhur, bdew isiru korsijiet li qed iħarrġu numru sostanzjali ta' individwi li joperaw bħala aġenti u konsulenti ta' bejgħ ta' propjetà. Dan se jwassal biex għall-ewwel darba f'Malta, se tinħareġ liċenzja biex aġenti tal-propjetà immobbli; sensara tal-propjetà u konsulenti tal-propjetà jkunu jistgħu jaħdmu bħala tali.

## 5.9 Riġenerazzjoni ta' propjetà

Wara li nħoloq proċess rigoruż, approvat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO), se jiġu evalwati diversi siti u propjetajiet pubbliċi, li fi sħab mas-settur privat, dawn is-siti abbandunati u żdingati, ikunu jistgħu jiġu rijabilitati biex ikomplu jikkontribwixxu b'mod attiv fl-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż.

Skema oħra li se tkun qed tidħol hija dik fejn, persuni jew kumpaniji, se jingħataw iċ-ċans li jitolbu għall-estensjoni taċ-ċens fuq propjetà kummerċjali biex isir investiment fuq din il-propjetà.

## 5.10 Restawr u riġenerazzjoni ta' żoni u siti

Ir-riġenerazzjoni li bdejna f'diversi nħawi ġewwa Marsamxett fil-Belt, sejjer jitkompla u jitlestew il-proġetti f'Marsaxlokk u tal-Ġnien tal-Mall fil-Furjana. Fl-istess waqt se jibda xogħol simili ta' riġenerazzjoni fil-Kottonera, liema proġetti sejrin jinkludu xogħol ġewwa l-Isla, fil-Kalkara, il-Birgu u bini ta' promenade ġdid f'dawn l-inħawi u jinbeda x-xogħol fuq il-promenades tal-Imsida u f'Tal-Pietà.

Se jitkompla x-xogħol fuq l-estensjoni tax-xtajta ramlija tal-Bajja tal-Għadira, kif ukoll it-tkomplija tal-parkeġġ fl-Għadira u Birżebbuġa.

Heritage Malta daħlet għar-responsabbiltà tar-restawr u r-riġenerazzjoni tal-Palazz tal-President fil-Belt Valletta, liema restawr li qiegħed isir, jinkludi tibdil tas-soqfa kollha,  kif ukoll restawr tal-pitturi kollha u rilokazzjoni tal-armerija fil-post oriġinali.

Dan minbarra li se jibda x-xogħol fuq is-siti storiċi bħaċ-Ċisterni, iċ-Ċentru tal-Interpretazzjoni, kif ukoll restawr u l-ftuħ għall-pubbliku tal-binja tal-Main Guard.

Fil-Mużew Marittimu se nkomplu bir-riġenerazzjoni u restawr li se jinkludi wkoll il-fran navali li hemm fil-binja. B'dan ir-restawr se tinħoloq esperjenza ġdida fil-Mużew kollu.

Permezz tal-Fondazzjoni tal-Kottonera, se jitkompla l-programm estensiv f'dak li huwa xogħol ta' restawr fuq il-Cottonera Lines, fuq Santa Margherita Lines u fil-Forti ta' Rikażli fil-Kalkara, fost l-oħrajn.

Xogħol simili ta' restawr se jsir fuq il-Victoria Lines, fiż-żona tal-Għargħur; fuq il-Kappella tas-Salib tal-Għolja; u tal-Oratorju u l-Knisja tal-Ġiżwiti.

# 6. GĦAL-LIVELLI OGĦLA FIS-SAĦĦA U L-EDUKAZZJONI

## 6.1 Il-COVID

Sur President, l-2020 se tibqa' mfakkra bħala s-sena meta d-dinja kollha ffaċċjat sfida mingħajr preċedent – il-pandemija tal-COVID-19.

Minn hawn, il-Gvern itenni l-apprezzament tiegħu għad-dedikazzjoni tal-ħaddiema kollha li marru lil hinn minn dmirhom biex jiżguraw il-kontroll, it-trażżin u l-kura ta' din il-pandemija.

Grazzi għall-ftehim li sar mal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u mal-Kummissjoni Ewropea, il-Gvern se jkun qed jixtri l-vaċċin kontra l-COVID-19 malli dan joħroġ fis-suq sabiex b'hekk jissalvagwardja s-saħħa pubblika tal-poplu Malti u Għawdxi kollu.

Il-pandemija tal-COVID-19 ma tatx lok biss għall-ħolqien ta' normalità ġdida iżda aktar minn hekk, ħalliet impatt fuq id-domanda għas-servizzi tas-saħħa. Ħolqot ukoll il-ħtieġa ta' servizzi ġodda u l-ħtieġa li ċerti servizzi eżistenti jiġu modifikati skont il-bżonn. Għal dan il-għan, il-Gvern ħoloq dik li qed tissejjaħ ir-Riżerva għall-Pandemija li se tipprovdi iktar riżorsi biex il-pajjiż ikompli jegħleb, b'mod effettiv, it-tixrid tal-virus tal-COVID-19.

F'dan il-kuntest, qed jiġu allokati riżorsi finanzjarji, fosthom għall-fini ta' kiri ta' faċilitajiet addizzjonali, biex fid-dawl tar-ristrutturar li kellu jsir fl-Isptar Mater Dei, kawża tas-sitwazzjoni preċipitata

mill-COVID-19, il-kura akuta u dik elettiva skedata tibqa' tingħata xorta waħda u mingħajr xkiel, għalkemm minn faċilitajiet ġodda.

## 6.2 Mediċini u Servizzi Ġodda

Minbarra li indirizza l-bżonnijiet immedjati li nħolqu b'konsegwenza tal-pandemija, il-Gvern antiċipa l-impatt li l-pandemija kien se jkollha fuq l-immaniġġjar ta' mard kroniku ieħor. Huwa għalhekk, li għal darb'oħra, l-impenn tagħna se jkompli jissarraf fl-għoti ta' mediċini b'xejn kif ukoll l-introduzzjoni ta' prodotti mediċinali ġodda, immirati, b'mod speċjali, lejn il-bżonnijiet ta' dawk il-persuni li jbatu minn mard kroniku.

Mal-investiment li għamilna fis-snin li għaddew, issa se nżidu wkoll it-trattament tal-osteoporożi. Permezz ta' dan it-trattament se nkunu qed nindirizzaw il-bżonnijiet ta' pazjenti, speċjalment dawk anzjani vulnerabbli, li tipikament isofru minn kwalità ta' ħajja baxxa minħabba din il-kundizzjoni.

Sur President, b'koerenza mal-impenn tagħna lejn it-twettiq tal-Istrateġija għas-Saħħa Mentali 2020-2030, se nkunu qed nintroduċu mediċini psikjatriċi ġodda fuq il-Formularju tal-Gvern, li se tikkumplimenta l-firxa ta' servizzi ta' kura mentali fil-komunità u bl-investiment li beħsiebna nagħmlu Sptar ġdid tal-Kura Psikjatrika Akuta, viċin l-Isptar Mater Dei.

Konxji mill-fatt li numru ta' pazjenti bil-kanċer jirrikjedu mediċini tal-onkoloġija speċifiċi u trattamenti barra mill-pajjiż, il-Gvern beħsiebu jżid l-investiment f'kura iktar ħolistika. Għalhekk se jkun qed jinfetaħ iċ-Ċentru San Mikiel - faċilità li tipprovdi għajnuna paljattiva professjonali. Dan il-proġett se jkun possibbli permezz

ta' sħubija bejn il-Gvern u l-Hospice Malta u b'koerenza mal-Istrateġija Nazzjonali dwar il-Kura Paljattiva.

Impenjati wkoll li nwessgħu s-servizz tal-Programm ta' Sopravivenza li jagħti appoġġ lill-familjari u lill-pazjenti li għelbu l-marda qerrieda tal-kanċer.

Matul is-sena li ġejja, se naġġornaw l-infrastruttura tan-netwerk tal-Isptar Mater Dei; nestendu l-programm tar-Remote Patient Monitoring sabiex jilħaq numru ta' pazjenti b'mard kroniku; u nintroduċu sistemi ġodda ta' Clinic Management Systems u t-Telemedicine Client Support Centre, li se jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn it-tabib u l-pazjenti mill-kumdità ta' darhom.

Sur President, aħna konxji mill-fatt li l-edukazzjoni hija waħda mill-pilastri ewlenin li tgħin fil-prevenzjoni tal-mard. Apparti li fl-2021 se titnieda l-Istrateġija tal-Eliminazzjoni tal-Epatite Ċ, se nkomplu b'kampanja edukattiva dwar l-għarfien fuq is-saħħa sesswali u l-mard trasmess mis-sess, kif ukoll l-importanza li l-pubbliku jagħmel aktar testijiet regolari.

Se nkomplu nipprovdu wkoll programm edukattiv ambizzjuż li jiffoka prinċipalment fuq it-titjib tas-saħħa tal-impjegati fuq il-post tax-xogħol kif ukoll kampanja dwar eating disorders u obeżità fit-tfal u ż-żgħażagħ f'Malta.

Il-Gvern iqis it-taħriġ tal-professjonisti tiegħu kruċjali għat-titjib fis-saħħa pubblika ta' pajjiżna. Għaldaqstant, se ninvestu f'taħriġ għall-impjegati fil-qasam tas-saħħa filwaqt li ninċentivaw lill-

ispeċjalisti mediċi biex jitħarrġu fil-qasam tal-prevenzjoni. Dan huwa neċessarju biex inkomplu nibnu fuq is-suċċessi miksuba fl-għoti ta' servizzi tal-aqwa kwalità u jiggarantixxi titjib kontinwu fis-saħħa tal-Maltin u l-Għawdxin.

## 6.3 Il-Kura tal-Anzjani

Konxji miż-żieda tal-anzjani li se jkollhom bżonn kura ġerontoloġika, u peress li grazzi għall-livell għoli tal-ħajja u s-servizz tas-saħħa li għandna, li qed iwassal biex il-poplu Malti qed jgħix ħajja itwal, il-Gvern qed jaħseb bis-serjetà u fit-tul biex jimxi bl-istess pass u jżid in-numru ta' sodod għall-anzjani. Dan se jsir kemm billi jestendi u jżid in-numru ta' sodod disponibbli għall-anzjani, kemm fl-isptarijiet pubbliċi, kif ukoll bi proġetti bi sħab mal-privat jew xiri ta' sodod mill-privat.

Iżda l-għan ewlieni tal-Gvern hu li l-anzjani jibqgħu jgħixu fil-komunità u jibqgħu attivi. Għalhekk qegħdin inżidu ċ-ċentri għall-Anzjanità Attiva ta' matul il-ġurnata u għal ċentri għal matul il-lejl, li wħud minnhom se jkunu qed jiffukaw fuq kondizzjonijiet speċjali, għal dawk li jbatu mid-dimensja u għal persuni b'diżabilità.

Qegħdin ukoll intejbu s-servizz tal-Home Help u tat-Telecare; qed nestendu servizzi li jingħataw fil-lokalitajiet, bħas-servizz tas-Silver T u s-servizz tal-flebotomija, filwaqt li sejrin naraw li nagħtu ħajja mill-ġdid tal-KartaAnzjan.

Fejn jidħlu standards, mhux biss qegħdin jitniedu l-Istandards Soċjali Regolatorji għas-servizzi ta' kura għall-anzjani, iżda qed

insaħħu t-tagħlim speċjalizzat fuq il-kura għall-anzjani, għal persuni li jkunu jridu jaħdmu f'dan il-qasam.

## 6.4 Edukazzjoni Ħolistika

Il-Gvern hu kommess li jkompli jipprovdi opportunitajiet ta' tagħlim lit-tfal, iż-żgħażagħ u l-adulti kollha biex dawn jiksbu l-ħiliet neċessarji biex jirnexxu fuq il-post tax-xogħol u fis-soċjetà.

Dan kollu qed isir f'qafas ta' strateġija għas-sistema edukattiva tagħna, li għandha twassal biex tkompli tnaqqas, b'mod gradwali, ir-rata tal-early school leavers; iż-żieda fl-adulti ta' bejn it-30 u l-34 sena li jkollhom kwalifiċi ta' livell terzjarju u aktar parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti.

Barra minn hekk, l-għeluq tal-iskejjel u l-istituzzjonijiet ta' tagħlim minħabba l-pandemija, urietna kemm hu importanti l-internet u l-aċċess online għal kull student. Għalhekk, sejrin nagħtu aċċess għall-internet b'xejn, għal sena sħiħa, lil dawk l-istudenti li jagħżlu li jkomplu jistudjaw wara li jtemmu l-istudji tagħhom fis-sekondarja. Sejrin naraw ukoll li l-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, tkun qed tirregolarizza l-edukazzjoni provduta online.

Biex inkomplu nsaħħu l-esperjenza edukattiva għal uliedna, se nkunu qed noffru wkoll sessjonijiet online, għall-ġenituri, biex flimkien mal-għalliema, jikkontribwixxu u tingħata edukazzjoni aqwa fl-edukazzjoni ta' wliedhom.

Is-servizz estensiv ta' tagħlim online, li jinkludi korsijiet akkreditati u tal-ogħla livell, se jiġu offruti lill-adulti u l-ħaddiema biex ikomplu jtejbu l-ħiliet tagħhom u konsegwentement, tgħinhom itejbu u javvanzaw fil-karriera tagħhom.

Bħala parti mill-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu għal Kulħadd, se nkunu qed naraw li l-programm Reading Recovery, programm ta' intervent bikri mmirat lejn it-tfal fl-ewwel snin tagħhom fis-sistema edukattiva, jilħaq aktar studenti.

Il-Gvern sejjer ikompli jara li kull student jingħata l-attenzjoni neċessarja li tindirizza l-bżonnijiet tiegħu. Għalhekk se jkun hemm investiment f'Autism Units fl-iskejjel Sekondarji Medji tagħna, fejn ikun hemm klassi mgħammra b'attrezzaturi apposta li jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' studenti bl-awtiżmu.

Biex innaqqsu l-istress minn fuq l-istudent, speċjalment waqt l-eżamijiet, se jsir proġett pilota, fejn studenti se jagħmlu l-eżamijiet tas-SEC fl-istess skola li preżentament jattendu.

## 6.5 Politika Nazzjonali dwar iż-Żgħażagħ

Fejn jidħlu ż-żgħażagħ, irrid insemmi l-konsultazzjoni pubblika li għaddejja bħalissa dwar il-Politika Nazzjonali dwar iż-Żgħażagħ 2021-2030, bl-isem *Towards 2030 - Reaching out to, working with, and supporting young people* u li se tiffoka fuq iż-żgħażagħ kollha ta' bejn it-13 u t-30 sena.

*Towards 2030* se tikkumplimenta l-politika nazzjonali f'oqsma relatati bħall-edukazzjoni, l-impjieg, il-ġustizzja u s-saħħa – oqsma li lkoll għandhom impatt fuq iż-żgħażagħ.

Se nkunu qed naraw li dawk in-nies, gruppi u organizzazzjonijiet kollha li jaħdmu għal, u maż-żgħażagħ, ikollhom l-opportunità li jipparteċipaw b'mod attiv u jikkontribwixxu għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' din il-politika għaż-żgħażagħ.

## 6.6 Il-Qasam tal-Volontarjat

Il-Gvern hu konxju tal-kontribut kbir li Organizzazzjonijiet Volontarji jagħtu lis-soċjetà. Huwa għalhekk li mis-sena d-dieħla, dawk l-Organizzazzjonijiet Volontarji, li huma rreġistrati bħala tali u qed jimxu skont dak li hu stipulat fil-liġi li tirregola l-istess organizzazzjonijiet, sejrin jiġu eżentati milli jħallsu taxxa fuq xi profitt li jagħmlu matul is-sena, jekk l-introjtu annwali ma jaqbiżx il-ħamsin elf ewro (€50,000).

Fl-istess ħin, se nkunu qed naraw li l-Organizzazzjonijiet Volontarji jkunu trasparenti fejn jidħlu d-donazzjonijiet li jirċievu u kif jiġu minfuqa dawn id-donazzjonijiet. Irridu li tibqa' tiġi żgurata ż-żamma tal-fiduċja li l-pubbliku Malti u Għawdxi għandu f'dawn l-organizzazzjonijiet.

## 6.7 Awtoritajiet li jirregolaw l-Isport

Fejn jidħol sport kompetittiv, se naraw li f'kull sport kompetittiv, ikun hemm fair play u nkomplu naħdmu biex tonqos il-korruzzjoni sportiva. Għal dan il-għan, il-Gvern se jkun qed iwaqqaf l-Awtorità

dwar l-Integrità fl-Isport Malti sabiex ikollna entità waħda li tkun qed tissorvelja dan l-aspett negattiv tal-qasam sportiv.

Mill-aspett regolatorju u organizzattiv ta' kif isiru t-tiġrijiet taż-żwiemel, se jkun qed jidħol Att dwar l-EquestriMalta, liema Att se jkun qed jistabbilixxi Awtorità ġdida li se tkun qed tieħu post il-Malta Racing Club.

## 6.8 Wirt Nazzjonali u Kultura

L-istorja u l-patrimonju ta' pajjiżna huma dawk il-fatturi fundamentali li jnisslu l-identità ta' dan il-poplu. Huwa għalhekk li l-preservazzjoni tal-wirt storiku tibqa' fuq quddiem nett tal-aġenda tal-Gvern u dan se jsir billi nkomplu ninvestu fis-Sovratendenza tal-Patrimonju Kulturali permezz ta' aktar skavar ta' siti arkeoloġiċi.

Fl-oqsma kulturali u kreattivi, il-Gvern se jagħti nifs ġdid lill-artisti individwali, l-operaturi kulturali u operaturi li joffru servizzi anċillari lil dan il-qasam, li tant sofrew tul l-aħħar xhur, sabiex itellgħu produzzjonijiet, wirjiet, kunċerti jew inizjattivi simili ta' kwalità.

L-applikazzjoni tat-teknoloġija diġitali qed issir parti integrali fil-produzzjoni ta' xogħlijiet artistiċi u kulturali, u għalhekk sejrin naraw kif se ngħinu biex ninkoraġġixxu l-aspett interdixxiplinarju aktar qawwi bejn it-teknoloġija, ir-riċerka u l-arti.

Matul l-2021, se nkunu qegħdin intellgħu Simpożju Nazzjonali dwar Il-Kultura u l-Kreattività filwaqt li nkomplu ninvestu fil-Fondazzjoni Ċentru għall-Kreattività.

Il-Malti hija lingwa li rridu nkomplu ninvestu fiha sabiex din tibqa' waħda ħajja. Għaldaqstant se jitkompla x-xogħol fuq ir-riżorsa diġitali tal-iċċekjatur għall-ilsien Malti.

Se nkomplu bl-investiment fir-restawr tat-Teatru Manoel u nibqgħu impenjati li naraw li l-proġett tal-Carnival Experience jitwettaq.

Is-sena d-dieħla se nkomplu nesploraw u niftħu siti taħt il-baħar u b'hekk inkomplu nattiraw it-turiżmu u għaddasa professjonisti lejn pajjiżna.

## 6.9 Il-Kunsilli Lokali

Sur President, l-investiment li l-Gvern sena wara l-oħra jagħmel b'mod dirett fil-Gvernijiet Lokali huwa turija ċara kemm dan il-Gvern jemmen bi sħiħ f'dawn il-pilastri ewlenin fl-istrutturi demokratiċi ta' pajjiżna. Nemmnu li l-investiment li qegħdin inwettqu fil-Gvernijiet Lokali jwassal biex intejbu l-kwalità ta' ħajja li ngħixu lkoll fil-komunitajiet rispettivi tagħna.

Matul l-2021 se nkunu qegħdin ninvestu biex insaħħu l-istrutturi tal-Kunsilli Reġjonali biex dawn, barra li jaqdu l-funzjonijiet tagħhom b'aktar effiċjenza u effettività, ikunu jistgħu joffru l-assistenza tagħhom lill-Kunsilli Lokali fi ħdanhom, inkluż permezz ta' assistenza ta' uffiċjali professjonali.

Fuq ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-NAO, se titniehed Strateġija tal-ICT għall-Gvern Lokali b'mod ħolistiku.

# 7. GOVERNANZA U SIGURTA’

## 7.1 Aktar riformi għat-tisħiħ tal-Governanza

Il-governanza tajba u s-saltna tad-dritt, sejrin jibqgħu ta’ prijorità u se jitkomplew ir-riformi neċessarji sabiex nassiguraw stabbiltà nazzjonali, fiduċja fl-istituzzjonijiet u tkabbir ekonomiku. Għal dan il-għan, waqqafna l-Kumitat tal-Kabinett dwar il-Governanza li ġie inkarigat li jiżgura li Malta tikkonforma mar-rakkomandazzjonijiet dwar governanza tajba u s-saltna tad-dritt imressqa mill-Kummissjoni Venezja, GRECO, u l-Moneyval.

Wara li daħħalna pakkett ta’ liġijiet, ibbażati fuq l-Opinjoni tal-Kummissjoni Venezja, se jitkomplew id-diskussjonijiet fil-Konvenzjoni Kostituzzjonali li qed imexxi l-President tar-Repubblika.

Se nkomplu nsaħħu l-Istituzzjonijiet, bl-għajnuna ta’ esperti mill-Bank Dinji, li għandhom iwasslu biex ikun hemm tisħiħ ulterjuri fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u fl-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat. Din il-fażi tar-riforma tinkludi t-tfassil tal-istrutturi interni, proċeduri amministrattivi u organizzazzjoni tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat sabiex jiġi żgurat li dawn l-Uffiċċji joperaw b’mod effiċjenti, trasparenti u b’salvagwardja għas-saltna tad-dritt f’pajjiżna, kif ukoll sabiex l-istrutturi interni u l-proċessi ta’ dawn l-Uffiċċji jimxu mal-livell ta’ professjonaliżmu mitlub kemm lokalment kif ukoll fuq livell internazzjonali.

Ir-rapport tal-Moneyval wera li f’Malta hemm bżonn ta’ aktar ħidma fir-rigward tal-għodda leġislattivi u tekniċi, bl-għan li

jkun hemm iżjed għarfien tar-riskji fil-ħasil tal-flus kif ukoll qafas xieraq kontra l-kriminalità finanzjarja.

Wara r-rapport li ħareġ mill-Moneyval f'Lulju 2019, il-Kumitat Nazzjonali ta' Koordinazzjoni għal-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu (NCC), ħadmet b'ħilta kollha biex l-awtoritajiet kompetenti jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet kollha. Din il-ħidma wasslet għar-riżultat sostanzjali. Fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet, saru erbgħa u erbgħin (44) Memoranda of Understanding.

Fil-5 t'Ottubru, Malta ppreżentat ir-rapport tagħha lill-Moneyval. Ir-rapport juri kif Malta ndirizzat it-tmienja u ħamsin (58) rakkomandazzjonijiet kollha, li ħarġu mir-rapport oriġinali tal-Moneyval, f'dak li għandu x'jaqsam fil-qasam legali u dak tekniku.

Ninsabu sodisfatti li l-istituzzjonijiet Maltin għandhom issa l-għarfien sod tar-riskji tal-ħasil tal-flus u tal-iffinanzjar tat-terroriżmu. L-istituzzjonijiet sew fis-settur pubbliku u dak privat, huma ppreparati biex jiġġieldu b'mod effettiv ir-riskji li dejjem jevolvu u jinbidlu mal-medda taż-żmien. B'hekk inkunu nistgħu naraw effettività fl-azzjonijiet tal-istituzzjonijiet u tal-awtoritajiet kompetenti.

L-effiċjenza fil-proċedura ġudizzjarja se tibqa' tingħata prijorità u f'dan ir-rigward l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qorti se tagħmel ħilitha biex toffri l-aħjar appoġġ lill-membri tal-ġudikatura kif ukoll servizz effiċjenti u effettiv liċ-ċittadini li jirrikorru għas-servizzi tal-qorti. Dan se jsir permezz ta' investiment f'teknoloġija diġitali; numru addizzjonali ta' uffiċini; it-teħid ta'

responsabbilitajiet għas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) kif ukoll is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (ECRIS-TCN). Dan se jwassal biex il-Pulizija tiffoka aktar fuq investigazzjonijiet kriminali u l-infurzar tal-liġi.

Fil-qasam tal-Ġudikatura, se jiġi propost l-estensjoni fl-età tal-irtirar tal-Imħallfin u l-Maġistrati, kif ukoll isiru ħatriet ġodda fil-bank tal-Ġudikatura.

Biex jitnaqqas ix-xogħol pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, se jkun qed tingħata l-possibilità li l-Qorti tal-Appell tagħti seduti biss f'dawk il-każijiet fejn tqis li dan hu meħtieġ; jiġi introdott il-possibilità għal seduti fi proċeduri ċivili biex isiru permezz ta' konferenzi bil-vidjo live; u jiżdiedu l-kompożizzjonijiet tal-Qrati tal-Appelli Ċivili (Superjuri) sabiex jitħaffef il-proċess dwar l-appelli u ċ-ċittadin jinqeda aħjar u fi żmien raġjonevoli.

Se nniedu proġett ta' riċerka dwar il-Vjolenza Domestika bil-għan li ntejbu u niffaċilitaw is-servizz lill-vittmi vulnerabbli tal-Vjolenza Domestika filwaqt li ntejbu l-effiċjenza ġenerali tas-sistema tal-ġustizzja f'din l-isfera ta' operazzjoni, waqt li nniedu programm ta' taħriġ għall-professjonisti li jaħdmu f'dan il-qasam.

Se nkomplu ninvestu fl-Asset Recovery Bureau permezz ta' teknoloġiji ġodda għall-iskambju, il-ġestjoni u l-irkupru ta' informazzjoni u ħa nkomplu bi proġett ambizzjuż ieħor relatat mal-kostruzzjoni ta' binja speċjalizzata li tkun mgħammra bl-aħħar teknoloġija biex tospita laboratorju ta' traċċar ta' assi u spazju adegwat għall-preservazzjoni ta' assi konfiskati. L-għan

ta' dan il-bini huwa li jippreserva u jipproteġi assi konfiskati qabel ir-rimi tagħhom, u li l-valur tagħhom jiġi trasferit lill-Gvern.

Se nniedu wkoll programm ta' immodernizzar għall-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern u l-Arkivju Ewlieni, li fost l-oħrajn jinkludi t-tkomplija tal-proċess ta' diġitalizzazzjoni tal-atti notarili; jiġi aċċertat li l-atti pubbliċi u t-testmenti kollha huma rreġistrati fir-reġistru pubbliku fil-ħin u li t-taxxi rilevanti kollha miġbura min-nutara jitħallsu b'mod effettiv lill-entitajiet rilevanti.

## 7.2 Il-Forzi Dixxiplinati

L-2021 se tkun l-ewwel sena sħiħa li matulha l-Korp tal-Pulizija se jkun qed  ifassal il-ħidma tiegħu fuq l-istrateġija ta' trasformazzjoni li b'disgħa u erbgħin (49) azzjoni konkreta għandha l-għan li tibdel il-Korp tal-Pulizija minn forza tal-pulizija għal servizz tal-pulizija. Il-Gvern qiegħed jappoġġja din l-istrateġija anke bir-riżorsi meħtieġa.

Għaliex il-komunità hija ċ-ċentru ta' Korp tal-Pulizija effiċjenti u effettiv u huwa għal dan il-għan li s-sena d-dieħla se nkomplu nifirxu l-proġett tal-pulizija tal-komunità. Fil-fażi li jmiss dan il-proġett issa jrid jibda jindirizza wkoll lokalitajiet bi sfidi ikbar fosthom il-Marsa, il-Ħamrun, San Pawl il-Baħar u San Ġiljan sabiex liġijiet diversi jkunu infurzati.

Filwaqt li l-viżjoni tal-Gvern hi ta' pulizija iktar preżenti fit-toroq, dan ma jnaqqasx mill-ħtieġa ta' investiment f'għases meqjusa bħala prinċipali kif saħansitra rajna jsir din is-sena.

Dan l-investiment ikompli bit-tlestija tal-għassa ġdida f'Wied il-Għajn u l-bidu tax-xogħol fuq għases oħra, partikolarment dawk tal-Imsida u l-Ħamrun.

Huwa ppjanat li jitlestew ukoll il-Command and Control Room fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u l-immodernizzar fit-taqsima tal-forensika.

Fid-dawl taż-żieda fil-popolazzjoni tal-ħabs, se jsir aktar investiment fl-infrastruttura biex jintuża b'aħjar u b'mod iktar effettiv l-ispazju tal-faċilitajiet korrettivi.

Se jinxtraw vetturi ġodda bil-għan li l-iskorti tal-priġunieri lejn il-Qorti jkunu iktar siguri, inkluż għall-uffiċjali korrettivi nfushom. Fl-istess ħin tkompli tissaħħaħ is-sistema tas-CCTV fil-ħabs.

Se tissaħħaħ it-taqsima tal-psikoloġija u jitħaddem programm għal young offenders. Fl-istess ħin se tkun qed tibda taħdem l-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità li għandha l-għan li tiġbor taħt saqaf wieħed diversi servizzi għall-vittmi tal-kriminalità filwaqt li tintroduċi oħrajn ġodda.

Anke fil-Forzi Armati ta' Malta se jissokkta l-investiment biex is-suldati jkollhom għodda aħjar biex jaħdmu. Se tkompli tissaħħaħ l-Ispecial Operations Unit filwaqt li jibqgħu jittejbu s-sistemi ta' komunikazzjoni u jkomplu x-xogħlijiet fil-bażijiet diversi tal-Forzi Armati, fosthom biċ-ċentru operattiv ġdid f'Ħal Luqa li huwa wkoll antisesmiku.

Il-membri tal-Forzi Dixxiplinarji kollha, tul is-sena d-dieħla se jkomplu jingħataw it-taħriġ, kemm ġewwa Malta kif ukoll barra minn xtutna. L-Akkademja għall-Korpi Dixxiplinarji se tkompli l-proċess ta' akkreditazzjoni mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (l-NCFHE) u l-ewwel kors akkreditat se jkun it-taħriġ bażiku tar-rekluti tal-Korp tal-Pulizija.

Fejn jidħol il-Ħarsien ta' Infrastruttura Kritika ta' pajjiżna, is-sena d-dieħla se jkun qed jitnieda Ċentru ta' Moniteraġġ tas-sigurtà bl-iktar teknoloġija avvanzata. Dan iċ-ċentru, li se jaħdem 24 siegħa kuljum, se jkun qed jopera netwerk ta' moniteraġġ għall-infrastrutturi kritiċi tal-pajjiż, operaturi ta' servizzi essenzjali u infrastruttura sensittiva.

## 7.3 Tisħiħ tal-Protezzjoni Ċivili

Skont il-pjan ta' seba' snin li fassal id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, is-sena d-dieħla se jissokkta t-tibdil fil-vetturi tad-Dipartiment fejn dawk l-aktar qodma jitneħħew għal oħrajn ġodda. Sejrin jiġu mixtrija l-vetturi speċjalizzati li jintbagħtu skont in-natura tal-inċident biex hekk ir-rispons jingħata f'qasir żmien u jkun hemm titjib ġenerali fl-effiċjenza.

Se jkompli l-investiment fit-taqsima marittima u tasal Malta l-ewwel fire boat għad-Dipartiment bil-kapaċità li titfi nirien u twettaq salvataġġi fuq il-baħar anke f'kundizzjonijiet tat-temp li jkunu ħżiena ħafna.

Isir żvilupp fl-infrastruttura tal-istazzjonijiet tat-tifi tan-nar eżistenti u jitkompla x-xogħol fuq l-istazzjon tat-tifi tan-nar f'Santa Venera.

## 7.4 Immigrazzjoni

Ir-realtà tal-immigrazzjoni irregolari tibqa' teħtieġ ir-reazzjoni b'saħħitha u realistika tal-awtoritajiet Maltin. Dan bil-għan li jittaffa kemm jista' jkun il-piż li ġġorr Malta bħala pajjiż li jinsab fuq il-fruntiera tal-Unjoni Ewropea.

Il-prijorità ewlenija tibqa' l-prevenzjoni tal-wasliet u l-ġlieda kontra l-kriminali li jpoġġu daqstant ħajjiet fil-periklu. Hawn se tkun qed tissokkta l-ħidma diplomatika u l-kollaborazzjoni mal-Libja bil-għan li kemm jista' jkun ikomplu jonqsu l-wasliet.

It-tieni prijorità hija r-ritorn ta' dawk l-immigranti li ma jkunx ħaqqhom l-ażil f'pajjiżna. Ir-ritorn ta' failed asylum seekers huwa sfida għal kull pajjiż tal-Unjoni Ewropea u għalhekk se nkunu qed nieħdu inizjattivi mingħajr preċedent, fejn sejrin insaħħu l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali li twaqqfet fl-aħħar xhur; tissaħħaħ it-Taqsima tal-Immigrazzjoni tal-Pulizija filwaqt li jinħoloq unit li jaħdem speċifikament fuq ir-ritorn ta' dawn il-persuni.

Fl-aħħar u mhux l-anqas, Malta se tibqa' tirsisti fuq livell internazzjonali sabiex il-piż tal-immigrazzjoni jkompli jinqasam. Dan se jibqa' jsir permezz ta' aktar inizjattivi ta' rilokazzjoni ta' immigranti lejn pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea u programmi ta' resettlement.

## 7.5 Ugwaljanza u Riformi

Il-kisba ta' bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, qed tiġi rikonoxxuta bħala importanza strateġika u sinifikanti, kemm għal min iħaddem kif ukoll għall-impjegat.

Għalhekk se nkunu qed naħdmu u ninċentivaw lil min iħaddem biex joffru miżuri li għandhom iwasslu għal bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, tinċentiva l-irġiel jipparteċipaw aktar fil-ħajja familjari u b'hekk inkunu qed insaħħu l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Se nkunu qed inkomplu l-ġlieda kontra t-traffikar uman bit-twaqqif ta' Kummissjoni għad-Drittijiet Umani u l-Ugwaljanza; nibdew nimplimentaw l-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi; naħdmu sabiex nintroduċu l-ewwel Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali Kontra r-Razziżmu u l-Xenofobija u nkomplu l-ħidma fuq riformi oħra fosthom dik tal-Kannabis. Dan barra li sejrin nintroduċi dawk ir-riformi meħtieġa biex niżguraw rappreżentanza ugwali fil-Parlament.

Se jitwaqqaf Ċentru għall-komunità LGBTIQ, li għandu l-għan li jġib taħt saqaf wieħed numru ta' servizzi u faċilitajiet provduti mill-Gvern u mis-Soċjetà Ċivili lill-komunità LGBTIQ, filwaqt li se jkun qed jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-komunità LGBTIQ iġġib Malta, il-EuroPride 2023.

## 7.6 Ċittadinanza

Il-Gvern se jara li jkun hemm il-protezzjoni kollha għall-ħarsien tal-identità tal-individwu. Huwa għal dan il-għan li l-karti tal-

identità l-ġodda se jkollhom l-aħħar teknoloġija biex tagħmilha ferm aktar diffiċli li jkun hemm iffalsifikar u serq ta' dan id-dokument personali.

B'koperazzjoni ma' pajjiżi Ewropej oħra, qegħdin nikkoperaw sabiex il-fruntieri tagħna jkunu aktar siguri fl-isfidi tal-kriminalità organizzata u t-theddida ta' attakki terroristiċi, miżura li qed tissejjaħ smart borders.

F'dan ir-rigward, qed tiġi żviluppata sistema informatika biex jinżamm rekord ta' kull persuna li tidħol jew toħroġ minn pajjiżna. Se jkompli jsir investiment biex ikun hemm offruti aktar servizzi online, filwaqt li se jiġi evalwat kif jissaħħaħ l-użu tal-identità diġitali li twassal biex jiġi ffaċilitat it-trasferiment ta' informazzjoni, li ċ-ċittadin ikun jeħtiġlu li jġib mis-settur pubbliku.

Il-Gvern minn dejjem ħaddan il-prinċipju li għandu jkunu mħarsa l-interessi tal-ħaddiema u li dawn ma jiġux sfruttati fuq il-post tax-xogħol ta' fejn jaħdmu. Għal dan il-għan, se jiżdiedu l-ispezzjonijiet fuq il-postijiet tax-xogħol biex innaqqsu l-abbużi u l-isfruttament ta' persuni fuq il-post tax-xogħol u naraw li ma jkunx hemm traffikar tal-bnedmin u forced labour.

Fejn jidħlu l-programmi ta' Residenza b'Investiment u dak ta' Ċittadinanza, qed naħdmu biex nirrevedu, naġġornaw u ndaħħlu kriterji aktar rigorużi biex inkomplu niżguraw li l-individwi li jiġu aċċettati taħt dawn l-iskemi, jkunu individwi denji li jkollhom iċ-ċittadinanza jew residenza ġewwa dawn il-gżejjer.

Aktar dettalji dwar il-kriterji jingħataw meta jkunu varati l-programmi l-ġodda.

## 7.7 Kollaborazzjoni 'l barra minn Xtutna

Fil-qasam tal-Affarijiet Barranin, il-Gvern qiegħed jaħdem bla heda sabiex fir-reġjun tal-Mediterran ikollna l-paċi u s-sigurtà li neħtieġu sabiex kull poplu jkun jista' jgħix ħieles mit-tbatijiet li jġibu magħhom l-kunflitti. Dan nagħmluh f'kull fora li nipparteċipaw fiha b'mod konsistenti. Dwar il-kwistjoni fil-Libja qed nagħmlu minn kollox biex naraw li l-Libja tkun immexxija mil-Libjani u qed naraw li nkunu ta' kontribut sħiħ fl-iżvilupp tal-awtoritajiet ċivili u fl-irkupru ekonomiku ta' dan il-pajjiż ġar tagħna, sabiex tinstab soluzzjoni politika għal dan il-kunflitt.

Matul din is-sena komplejna niżguraw li jkollna djalogu miftuħ mal-pajjiżi kollha b'attenzjoni partikolari lejn il-Mediterran u l-Afrika. Wara li ġiet imnedija l-istrateġija tagħna għall-Afrika qed naraw li nkomplu nsaħħu l-preżenza tagħna f'dan il-kontinent mimli bl-opportunitajiet. Fil-qasam Ewropew qed naraw li nsibu metodu komuni kif naħdmu flimkien ma' stati membri oħra favur soluzzjonijiet ġodda għal problemi li ilhom magħna għal bosta snin.

Fejn għandu x'jaqsam l-ambaxxati u konsulati li għandna mferrxa madwar id-dinja, se nkomplu bi programm ta' titjib u tiġdid tagħhom billi barra r-rinnovament tal-post, se ndaħħlu numru ta' miżuri ta' sigurtà tal-postijiet adegwati filwaqt li jitjieb l-ambjent tax-xogħol.

Se nkunu qed infittxu postijiet ġewwa l-Etjopja u fl-Amerika Latina li jkunu jistgħu jservu bħala ambaxxati ġodda ta' Malta.

## 7.8 Il-Kandidatura ta' Malta għall-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti

Kif kien imħabbar, Malta ppreżentat il-kandidatura tagħha għal siġġu mhux permanenti, riservat għall-pajjiżi membri tal-Grupp tal-Pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent u Oħrajn fil-Kunsill tas-Sigurtà għal terminu ta' sentejn bejn l-2023 u l-2024.

Malta jeħtiġilha tikseb il-voti ta' żewġ terzi tal-Membri tan-Nazzjonijiet Uniti fl-elezzjoni li mistennija ssir f'Ġunju tal-2022 fl-Assemblea Ġenerali fi New York. Għaldaqstant, matul is-sena 2021 Malta se tkompli bil-laqgħat mal-Membri tan-Nazzjonijiet Uniti sabiex juri l-kredenzjali ferm rilevanti li Malta għandha x'toffri bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

# 8. KONKLUŻJONI

Sur President, jiena kburi li llum ippreżentajt dan id-disa' baġit.

Baġit li huwa l-aqwa u l-akbar li qatt se nkun ippreżentajt.

Baġit li se jikkonferma li dan il-moviment verament jemmen fil-poplu Malti u Għawdxi.

Baġit li se juri kemm aħna lesti ninvestu l-mijiet ta' miljuni biex il-magna ekonomika li bnejna mhux talli tirpilja imma tilħaq livelli li qatt qabel ma laħqet.

Baġit li bih bħala **MALTIN** flimkien **B'SAĦĦITNA** kollha nimxu **'L QUDDIEM.**

***STATEMENT* A**

**DĦUL 2020 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL MIT-TAXXI** | | | | | | |
| Diretti - | Taxxa tad-Dħul | 1,936,000,000 | 1,628,500,000 | - | 307,500,000 | Minħabba tnaqqis fl-attivita' ekonomika li ġabet magħha l-pandemija, mistenni dħul anqas sal-aħħar tas-sena meta mqabbel ma' dak previst waqt il-preparazzjoni tal-baġit u kif jidher ma' dak rivedut. |
| | Sigurta` Soċjali | 1,149,000,000 | 1,014,700,000 | - | 134,300,000 | Minħabba tnaqqis fl-attivita' ekonomika li ġabet magħha l-pandemija, mistenni dħul anqas sal-aħħar tas-sena meta mqabbel ma' dak previst waqt il-preparazzjoni tal-baġit u kif jidher ma' dak rivedut. |
| Indiretti - | Dwana u Sisa | 350,140,000 | 311,800,000 | - | 38,340,000 | Minħabba tnaqqis fl-attivita' ekonomika li ġabet magħha l-pandemija, mistenni dħul anqas sal-aħħar tas-sena meta mqabbel ma' dak previst waqt il-preparazzjoni tal-baġit u kif jidher ma' dak rivedut. |
| | Liċenzji, Taxxi u Multi | 420,253,000 | 323,408,000 | - | 96,845,000 | Dħul anqas minn dak oriġinarjament previst mistenni fuq il-*Gaming* u mit-taxxa fuq dokumenti. Mistenni dħul anqas fuq ir-reġistrazzjoni tal-karozzi u l-liċenzji, bħala riżultat tal-pandemija. |

***STATEMENT A***

| SORS | DĦUL 2020 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT | | | | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| | ESTIMU APPROVAT | ESTIMU RIVEDUT | BIDLA + | BIDLA - | |
| | € | € | € | € | |
| **DĦUL MIT-TAXXI (ikompli)** | | | | | |
| Taxxa fuq il-Valur Miżjud | 1,099,000,000 | 810,000,000 | - | 289,000,000 | Minħabba tnaqqis fl-attivita' ekonomika li ġabet magħha l-pandemija, mistenni dħul anqas sal-aħħar tas-sena meta mqabbel ma' dak previst waqt il-preparazzjoni tal-baġit u kif jidher ma' dak rivedut. |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL MIT-TAXXI** | **4,954,393,000** | **4,088,408,000** | | **865,985,000** | |
| **DĦUL IEĦOR** | | | | | |
| Drittijiet ta' Uffiċċju | 103,993,000 | 127,158,000 | 23,165,000 | - | Żieda fuq id-dħul minn dak previst mill-*Individual Investor Programme* se jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' dħul fuq Drittijiet ta' Uffiċċju. |
| Bejgħ | 35,466,000 | 41,836,682 | 6,370,682 | - | Suġġett għall-iffirmar tal-kuntratti ta' *bejgħ tal-oqbra* mistenni dħul akbar minn dak previst taħt din il-kategorija. |
| Ħlas lura lid-Dipartimenti | 4,003,000 | 4,943,000 | 940,000 | - | Dħul akbar mistenni jimmaterjalizza sal-aħħar tas-sena minn *Contributory Assistance* u *Reimbursement of Pensions by Public Entities* . |

## *STATEMENT* A

### DĦUL 2020 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| SORS | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| Bank Ċentrali ta' Malta | 28,500,000 | 31,500,000 | 3,000,000 | - | Mistenni dħul akbar minn dak previst waqt il-preparazzjoni tal-baġit. |
| Kera | 37,615,000 | 32,165,000 | - | 5,450,000 | Dħul anqas mistenni jimmaterjalizza meta mqabbel ma' dak previst waqt il-preparazzjoni tal-baġit primarjament taħt *Rent of Commercial Tenements* , minħabba tnaqqis fl-attivita' ekonomika li ġabet magħha l-pandemija. |
| Profitti minn Investimenti | 47,161,000 | 36,700,000 | - | 10,461,000 | L-istima riveduta għas-sena tirrifletti d-dħul mistenni fuq *Dividends* . |
| Interessi fuq self mogħti mill-Gvern | 276,000 | 276,000 | - | - | |
| Għotjiet Barranin | 208,382,000 | 240,583,000 | 32,201,000 | - | Id-differenza fid-dħul għal din is-sena hija r-rimburż mill-Unjoni Ewropeja taħt il-programmi varji li tikkorrispondi mal-infiq, li tinkludi wkoll dħul tas-snin ta' qabel. |
| Dħul Mixxellanju | 31,958,000 | 77,618,000 | 45,660,000 | - | Dħul akbar huwa mistenni mill-*Premium receivable from sale of MGSs* , minħabba l-ħtieġa ta' aktar self. |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL IEĦOR** | **497,354,000** | **592,779,682** | **95,425,682** | | |
| **DĦUL TOTALI** | **5,451,747,000** | **4,681,187,682** | | **770,559,318** | |

***STATEMENT* A**

**DĦUL 2020 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL MHUX ORDINARJU** | | | | | |
| Dħul minn bejgħ ta' ishma | 450,000,000 | 1,480,000,000 | 1,030,000,000 | - | Id-differenza mill-istima oriġinali tirrifletti l-bżonn ta' aktar self li ġabet magħha l-pandemija, bħala riżultat ta' anqas dħul u aktar infiq. |
| Self mill-Unjoni Ewropeja | - | 120,000,000 | 120,000,000 | - | Ir-reviżjoni tirrifletti finanzjament li mistenni jseħħ mill-*EU SURE Loans* . |
| Ħlas lura ta' self mogħti mill-Gvern | 666,000 | 914,000 | 248,000 | - | Id-differenza mill-istima oriġinali ġejja minn ħlas lura mill-Korporazzjoni tal-Ilma. |
| Dħul minn bejgħ ta' ishma | 889,000 | 889,000 | - | - | |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL MHUX ORDINARJU** | **451,555,000** | **1,601,803,000** | **1,150,248,000** | | |
| **DĦUL GLOBALI** | **5,903,302,000** | **6,282,990,682** | **379,688,682** | | |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2020: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 Uffiċċju tal-President | 4,580,000 | 4,530,000 | - | 50,000 | |
| 2 Kamra tad-Deputati | 10,443,000 | 10,443,000 | - | - | |
| 3 Uffiċċju tal-*Ombudsman* | 1,340,000 | 1,340,000 | - | - | |
| 4 Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika | 3,800,000 | 3,800,000 | - | - | |
| 5 Kummissarju Standards fil-Ħajja Pubblika | 640,000 | 640,000 | - | - | |
| 6 Uffiċċju tal-Prim Ministru | 66,786,000 | 84,644,000 | 17,858,000 | - | Meta wieħed jipparaguna mal-istima oriġinali, hija mistennija żieda taħt il-kategorija ta' *Contributions to Government Entities* prinċipalment taħt *Resource and Support and Services Ltd* , *Servizz.gov* u *Malta Financial Services Authority.* |
| 7 Informazzjoni | 1,411,000 | 1,411,000 | - | - | |
| 8 Stamperija tal-Gvern | 1,666,000 | 1,666,000 | - | - | |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2020: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 9 | Uffiċċju Elettorali | 2,783,000 | 2,742,000 | - | 41,000 | |
| 10 | Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku | 742,000 | 742,000 | - | - | |
| 11 | Ministeru għas-Saħħa | 702,024,000 | 806,926,000 | 104,902,000 | - | Il-differenza hija dovuta għal spiża akbar taħt il-kategorija *Personal Emoluments (Salaries and Wages)* taħt *Operational and Maintenance Expenses (Professional Services)* u taħt il-kategorija *Programmes and Initiatives* minnħabba l-pandemija Covid-19. |
| 12 | Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Negozji Żgħar | 22,628,000 | 86,524,000 | 63,896,000 | - | Id-differenza hija dovuta għal spiża akbar taħt il-kategorija *Operational and Maintenance Expenses* (*Contractual Services* ) u taħt il-kategorija *Programmes and Initiatives (Economic Regeneration Voucher Scheme) u Malta Investments Management Co Ltd* taħt il-kategorija *Contributions to Government Entities.* |
| 13 | Kummerċ | 1,664,000 | 1,664,000 | - | - | |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2020: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 14 Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol | 347,308,000 | 357,123,000 | 9,815,000 | - | Id-differenza hija dovuta għal spiża inqas taħt il-kategorija *Personal Emoluments (Salaries and Wages)* filwaqt li kien hemm żieda taħt il-*Programmes and Initiatives* (*Church Schools, Learning Support Assistance in Private Schools, Afternoon School Programme/Skola Sajf/Klabb 3-16)* u fil- *Malta Council for the Voluntary Sector* fil-kategorija tal-*Contributions to Government Entities* biex tingħata assistenza minħabba l-pandemija *Covid-19.* |
| 15 Edukazzjoni | 301,026,000 | 318,702,000 | 17,676,000 | - | Żieda hija mistennija taħt il-kategorija ta' *Personal Emoluments (Allowances),* u taħt *Programmes and Initiatives* (*Extension of School Transport Network* ) u taħt *Contractual Services* fil-kategorija *Operational and Maintenance Expenses.* |
| 16 Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma | 97,077,000 | 112,664,000 | 15,587,000 | - | Il-kategorija *Programmes and Initiatives (Feed in Tariff* kif ukoll *Engineering Resources Ltd* fil-kategorija *Contributions to Government Entities* huma mistennija li sal-aħħar tas-sena jirriżultaw f'żieda fl-ispiża ta' dan il-Ministeru. |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2020: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 17 Ministeru għall-Finanzi | 185,557,000 | 187,365,000 | 1,808,000 | - | Hemm tnaqqis fl-ispejjeż tal-*Programmes and Initiatives* taħt l-*EU Own Resources* li ġie parzjalment utilizzat biex ikopri l-*Expenditure Reporting Schemes*, *Compensation Payments* u *Court Judgements* li saru matul din is-sena. |
| 18 Politika Ekonomika | 1,750,000 | 1,750,000 | - | - | |
| 19 It-Teżor | 39,537,000 | 32,237,000 | - | 7,300,000 | Hemm tnaqqis fl-ispejjeż tal-*Programmes and Initiatives* taħt *EFSF/ESM Credit Line Facility* u *Interest Expenditure/SEPA Banking Charges* li ġie parzjalment utilizzat biex ikopri l-Ħruġ tal-Bonds tal-Gvern ta' Malta, *Compensation Payment by Government*. |
| 20 Ħlasijiet fuq Self | 697,855,000 | 696,607,000 | - | 1,248,000 | L-ispiża taħt dan il-Vot ser tkun anqas milli mbassar f'*Interest (MGS) u Interest (Treasury Bills)*. Żieda hija mistennija taħt *Early Repayments of MGRSB.* |
| 21 Kummissarju tat-Taxxi | 20,050,000 | 21,081,000 | 1,031,000 | - | Mistennija nefqa akbar taħt il-*Materials and Supplies, Office Services* u *Contractual Services* fil-kategorija *Operational and Maintenance Expenses.* |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2020: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 22 Dwana | 12,453,000 | 12,095,000 | - | 358,000 | |
| 23 Kuntratti | 1,866,000 | 1,866,000 | - | - | |
| 24 Ministeru għat-Turiżmu | 123,213,000 | 124,465,000 | 1,252,000 | - | Żieda hija mistennija taħt il-kategorija *Operational and Maintenance Expenses (Professional Services)* . |
| 25 Ministeru għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali | 39,300,000 | 50,758,000 | 11,458,000 | - | Żieda hija mistennija taħt il-kategorija tal-*Operational and Maintenance Expenses (Materials and Supplies* u *Contractual Services), Detention Services* mill-kategorija *Programmes and Initiatives u* taħt il-kategorija *Contributions to Government Entities (Correctional Services Agency* u *Agency for Welfare of Asylum Seekers).* |
| 26 Forzi Armati ta' Malta | 57,222,000 | 55,907,000 | - | 1,315,000 | Id-differenza tirriżulta taħt il-kategorija *Personal Emoluments (Salaries and Wages)* . |
| 27 Pulizija | 78,356,000 | 83,975,000 | 5,619,000 | - | Mistennija nefqa akbar taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* (*Salaries and Wages* , *Allowances* u *Overtime* ) sal-aħħar tas-sena. |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2020: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 28 *Probation* u *Parole* | 1,416,000 | 1,379,000 | - | 37,000 | |
| 29 Protezzjoni Ċivili | 9,282,000 | 9,376,000 | 94,000 | - | Iż-żieda fl-ispiża hija mistennija taħt il-kategorija *Operational and Maintenance Expenses* (*Materials and Supplies)* . |
| 30 Ministeru għall-Ġustizzja , Kultura u Gvern Lokali | 98,593,000 | 106,865,000 | 8,272,000 | - | Spiża addizzjonali hija mistennija taħt *Summoning and Expenses of Witnesses, Jurors and Experts in Criminal Court Trials* fil-kategorija ta' *Programmes and Initiatives* u *Heritage Malta* taħt il-kategorija *Contributions to Government Entities.* |
| 31 Gvern Lokali | 52,829,000 | 47,129,000 | - | 5,700,000 | Spiża inqas hija mistennija taħt *Separation of Waste Bins* u *Additional Street Sweeping Services* fil-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* . |
| 32 Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima | 88,652,000 | 94,657,000 | 6,005,000 | - | Iż-żieda fl-ispiża hija mistennija taħt il-kategorija *Operational and Maintenance (Contractual Services)* kif ukoll fis-*Solid Waste Management Strategy* fil-kategorija *Programmes and Initiatives* . |
| 33 Ambjent Malta | 18,078,000 | 18,628,000 | 550,000 | - | Spiża addizzjonali hija meħtiega taħt *Landscaping - Malta* fil-kategorija tal-P*rogrammes and Initiatives.* |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2020: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 34 Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ | 34,737,000 | 76,710,000 | 41,973,000 | - | Iż-żieda fl-ispiża hija mistennija taħt il-kategorija *Operational and Maintenance* (*Contractual Services)* kif ukoll *Overseas Development Aid* fil-kategorija *Programmes and Initiatives.* |
| 35 Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali | 101,671,000 | 119,654,000 | 17,983,000 | - | L-ispiża inqas fil-kategorija *Personal Emoluments (Salaries and Wages)*, se tikkumpensa il-kategorija *Programmes and Initiatives (PSO -Public Transport, PSO Inter-Island Transportation)*, kif ukoll *Lands Authority* taħt il-*Contributions to Government Entities.* |
| 36 Ministeru għal Għawdex | 48,271,000 | 47,372,000 | - | 899,000 | Hija mistennija differenza fl-ispiża taħt il-kategorija *Personal Emoluments (Salaries and Wages* u *Allowances*) biex jagħmel tajjeb għal żieda taħt il-kategorija *Operational and Maintenance Expenses (Materials and Supplies* u *Rent)* kif ukoll żieda taħt *Gozo Employment scheme* taħt il-kategorija *Programmes and Intiatives.* |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2020: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 37 Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali | 108,813,000 | 116,770,000 | 7,957,000 | - | Mistennija żieda fl-infiq taħt il-kategorija ta' *Personal Emoluments (Salaries and Wages)* u taħt *Housing Programmes and Assistance to Help the Elderly live Independently* mil-kategorija tal-*Programmes and Initiatives.* Spiża ikbar hija mistennija taħt *Sapport* u *Housing Authority* mil-kategorija *Contributions to Government Entities.* |
| 38 Politika Soċjali | 391,816,000 | 346,911,000 | - | 44,905,000 | L-ispiża anqas hija primarjament minħabba l-*State Contribution* taħt il-kategorija *Programmes and Initiatives* riflessa f'nuqqas ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali. |
| 39 Benefiċċji tas-Sigurta' Soċjali | 1,061,995,000 | 1,075,780,000 | 13,785,000 | - | Huwa mistenni tnaqqis taħt il-kategorija ta' *Contributory Benefits* , prinċipalment *Invalidity Pensions u Bonus* u taħt il-kategorija *Non-Contributory Benefit* bħal *Children's Allowances, Old Age Pensions, Medical Assistance u Bonus* . Hemm bżonn ta' fondi supplimentari taħt *Short Term Benefits* taħt il-kategorija *Contributory Benefits* u taħt *In-Work Benefit* fil-kategorija *Non-Contributory Benefits* . |
| 40 Pensjonijiet | 100,664,000 | 102,625,000 | 1,961,000 | - | Differenza hija mistennija fil-kategorija *Programmes and Initiatives* partikolarment f'*Pensions and Allowances under Pensions Ordinance.* |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2020: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 41 Anzjani u Kura fil-Komunita' | 166,003,000 | 175,764,000 | 9,761,000 | - | Żieda hija maħsuba li se sseħħ taħt il-kategorija *Personal Emoluments (Allowances)* u taħt il-kategorija *Operation and Maintenance Expenses* (*Contractual Services* ). Mistennija nefqa akbar minħabba żieda fid-domanda għas-servizzi taħt *Programmes and Initivatives (Residential Care in Private Homes and Care at Home)* u tnaqqis fin-nefqa fl-*SVPR Service Contract.* |
| 42 Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza | 23,596,000 | 23,051,000 | - | 545,000 | Id-differenza hija dovuta għal spiża inqas taħt il-kategorija *Personal Emoluments (Salaries and Wages* u *Allowances).* |
| 43 Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali | 1,705,000 | 1,832,000 | 127,000 | - | |
| **NEFQA RIKORRENTI TOTALI U ĦLASIJIET FUQ SELF** | **5,131,198,000** | **5,428,170,000** | **296,972,000** | **-** | |

**STATEMENT Ċ**

**NEFQA KAPITALI 2020: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| I Uffiċċju tal-President | 589,000 | 639,000 | 50,000 | - | |
| II Kamra tad-Deputati | 2,188,000 | 488,000 | - | 1,700,000 | Mistennija nefqa anqas fuq xogħlijiet ta' riabilitazzjoni. |
| III Uffiċċju tal-Prim Ministru | 46,987,000 | 42,479,000 | - | 4,508,000 | Mistennija spiża anqas taħt diversi proġetti relatati mal-*ICT,* l-Aġenzija Identità Malta u xogħlijiet fil-binjiet tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Spiża akbar hija antiċipata taħt *Malta Digital Innovation Authority* . |
| IV Ministeru għas-Saħħa | 50,998,000 | 53,405,000 | 2,407,000 | - | Mistennija nefqa akbar taħt l-isptar Mater Dei minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Spiża anqas mistennija primarjament taħt il-Fondi Strutturali 2014-2020. |
| V Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar | 38,800,000 | 434,783,000 | 395,983,000 | - | L-infiq taħt dan il-Vot mistenni jkun aktar mill-istimi oriġinali primarjament minħabba is-suppliment tal-paga u l-assisstenza li qieghda tingħata mill-Gvern fejn ser isir ħlas ta' nofs il-kont tad-dawl u l-ilma tan-negozji kif ukoll għajnuna fil-ħlasijiet tal-kirjiet. |
| VI Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol | 100,791,000 | 63,140,000 | - | 37,651,000 | Antiċipata spiża anqas taħt il-*Maltese Spell Checker* , il-Fondi Strutturali 2014-2020, fuq xi proġetti kapitali fl-Univerista` ta' Malta u fl-MCAST, ICT fl-iskejjel tal-Knisja u Indipendenti, kif ukoll fuq diversi proġetti relatati mal-iSport. |

**STATEMENT Ċ**

**NEFQA KAPITALI 2020: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| VII | Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġjar tal-Ilma | 39,416,000 | 28,389,000 | - | 11,027,000 | Spiża anqas hija maħsuba primarjament taħt il-Fond ta' Koeżjoni 2014-2020 u l-immaniġjar ta' *Farm Slurries* f'Malta. |
| VIII | Ministeru għall-Finanzi | 24,959,000 | 52,608,000 | 27,649,000 | - | Mistennija spiża akbar primarjament fuq xogħlijiet fil-Ministeru u fid-Dipartiment tad-Dwana, u *Investment - Equity Acquisition* . |
| IX | Ministeru għat-Turiżmu | 32,861,000 | 16,753,000 | - | 16,108,000 | Spiża anqas hija maħsuba taħt il-Fondazzjoni ta' Żoni Turistiċi, xogħlijiet ta' riġenerazzjoni u *Grand Harbour Regeneration Corporation* . |
| X | Ministeru għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali | 44,941,000 | 29,602,000 | - | 15,339,000 | Spiża anqas milli maħsub mistennija fuq ICT u xogħlijiet ta' kostruzzjoni u tagħmir għall-Forzi Armati ta' Malta u għall-Protezzjoni Ċivili. |
| XI | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali | 28,353,000 | 24,472,000 | - | 3,881,000 | Nefqa anqas hija mistennija taħt il-Fondi Strutturali 2014-2020, proġetti kapitali għall-Kunsilli Lokali, *MiCAS* u xogħol ta' kostruzzjoni u tagħmir taħt il-kultura u l-arti. Mil-banda l-oħra mistennija spiża addizzjonali minħabba xogħlijiet fil-mużewijiet u siti storiċi, xogħlijiet ta' restawr, kif ukoll xogħol preparatorju għall-kostruzzjoni u tagħmir fil-Qorti. |
| XII | Ministeru għall-Ambjent , Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima | 70,962,000 | 59,393,000 | - | 11,569,000 | Nefqa anqas hija antiċipata taħt il-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew 2014-2020, il-Fond tal-Agrikoltura u Żvilupp Rurali 2014-2020, WasteServ Malta Ltd, il-Fond ta' Koeżjoni 2014-2020, Ambjent Malta u xogħol ta' kostruzzjoni u tagħmir fil-Biccerija Pubblika. |

## STATEMENT Ċ

## NEFQA KAPITALI 2020: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| XIII | Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ | 2,483,000 | 2,993,000 | 510,000 | - | Mistennija nefqa akbar relatata ma' xogħlijiet ta' tagħmir fil-Ministeru. |
| XIV | Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali | 167,646,000 | 161,884,000 | - | 5,762,000 | Spiża akbar hija antiċipata primarjament taħt il-Fond ta' Koeżjoni 2014-2020 filwaqt li n-nefqa hi mistennija li tkun anqas taħt il-Fondi Strutturali 2014-2020 u faċilitajiet marittimi. |
| XV | Ministeru għal Għawdex | 19,220,000 | 16,724,000 | - | 2,496,000 | Spiża anqas hija mistennija fuq it-Toroq filwaqt li spiża akbar hija maħsuba primarjament fuq ir-restawr ta żoni turistiċi, il-proġett tal-Pjazza ta' San Franġisk fir-Rabat u l-proġett ta' Marsalforn. |
| XVI | Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali | 23,807,000 | 20,277,000 | - | 3,530,000 | Antiċipata spiża anqas taħt il-Fondi Strutturali 2014-2020. |
| XVII | Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza | 50,036,000 | 22,527,000 | - | 27,509,000 | Spiża anqas mistennija taħt il-Fondi Strutturali 2014-2020 u il-Fond għas-Sigurtà Interna (tal-Fruntieri). |
| | **NEFQA KAPITALI TOTALI** | **745,037,000** | **1,030,556,000** | **285,519,000** | - | |

REPUBBLIKA TA' MALTA